EGESIF_14-0013-final
18/12/2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

# Gwida għall-Istati Membri dwar

# Il-Proċedura tal-Ħatra

**RINUNZJA**

"Dan huwa dokument ta' ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. *Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika għal kollegi u korpi involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar ir-regoli msemmija biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex tiġi inkoraġġuta prassi tajba. Din il-gwida hija bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*"

# Werrej

**LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET** ..... 2

1. SFOND ..... 4

   1.1. Referenzi regolatorji ..... 4

   1.2. L-għan tal-gwida ..... 4

   1.3. Differenzi ewlenin mill-perjodu tal-2007-2013 ..... 4

2. GWIDA ..... 5

   2.1. In-notifika tad-deċiżjoni tal-ħatra u r-rwol tal-Kummissjoni ..... 5

   2.2. Id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi maħtura ..... 5

   2.3. Kriterji għall-ħatra ..... 6

   2.4. L-ippjanar u l-iskedar tax-xogħol tal-Korp tal-Awditjar Indipendenti (IAB) ... 7

   2.5. Ix-xogħol li għandu jsir mill-IAB li jkun qed ifassal ir-rapport u l-opinjoni dwar il-ħatra ..... 9

   2.6. Miżuri kontra l-frodi ..... 10

   2.7. Ir-rapport u l-opinjoni dwar il-konformità tal-awtoritajiet maħtura mal-kriterji tal-ħatra ..... 11

   2.8. Deċiżjoni dwar il-ħatra ..... 12

   2.9. It-trattament ta' ħlasijiet *interim* ..... 12

   2.10. Il-monitoraġġ tal-ħatra ..... 12

**ANNESS 1: L-ISKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-ĦATRA** ..... 14

**ANNESS 2: IL-KRITERJI TAL-ĦATRA GĦALL-MA U S-CA** ..... 15

**ANNESS 3: LISTA TA' KONTROLL GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-KORPI MAĦTURA MAL-KRITERJI TAL-ĦATRA KIF STIPULAT FL-ANNESS XIII GĦAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1303/2013** ..... 17

- ***Appendiċi minn 1 sal-Anness 3 – Silta mill-Artikolu 125 CPR – Il-funzjonijiet tal-Awtorità ta' Ġestjoni*** ..... 53
- ***Appendiċi 2 għall-Anness 3 – Silta mill-Artikolu 126 CPR – Il-funzjonijiet tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni*** ..... 55

**ANNESS 4: TABELLA LI TORBOT IL-KRITERJI TAL-ĦATRA MAR-REKWIŻITI PRINĊIPALI RELATATI** ..... 56

(*) AC = KRITERJI TAL-VALUTAZZJONI **ANNESS 5: TABELLA LI TORBOT ID-DESKRIZZJONI TAL-MUDELL (ANNESS III CIR) MAL-KRITERJI TAL-ĦATRA U L-MISTOQSIJIET RILEVANTI FIL-LISTA TA' KONTROLL (ANNESS 3)** ..... 57

# LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| CA | Awtorità ta ċertifikazzjoni |
| CCI | Code Commun d'Identification (in-numru ta' referenza ta' kull programm, mogħti mill-Kummissjoni) |
| ACR | Rapport Annwali ta' Kontroll |
| CDR | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3.3.2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] |
| CPR | Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013)[2] |
| REKT | Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (skont ir-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013) |
| FEMS | Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd |
| FSIE | L-FSIE tikkorrispondi mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. Din il-gwida tapplika għall-Fondi kollha ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| KTE | Ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013) |
| Regolament Finanzjarju | Ir-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012[3] |
| Fondi | Fondi Strutturali u Fondi ta' Koeżjoni |
| IAB | Korp tal-Awditjar Indipendenti |
| IB | Korp Intermedju |
| JS | Segretarjat Konġunt (għall-programmi taħt il-KTE) |
| KR | Rekwiżit prinċipali |
| MA | Awtorità ta' Ġestjoni |
| MCS | Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll |

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.138.01.0005.01.ENG

[2] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1303

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1416480945454&uri=CELEX:32012R0966

# 1. SFOND

## 1.1. Referenzi regolatorji

| Regolament | Artikoli Reg. |
|---|---|
| Reg. (UE) Nru 1303/2013<br>Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<br>*(minn hawn 'il quddiem is-CPR)* | Artikolu 123 - Il-ħatra tal-awtoritajiet<br>Artikolu 124 – Il-proċedura għall-ħatra tal-MA u tas-CA |
| Reg. (UE) Nru 1299/2013<br>Il-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea<br>(*minn hawn 'il quddiem il-KTE*) | Artikolu 21 - Il-ħatra tal-awtoritajiet |

## 1.2. L-għan tal-gwida

L-għan ta' din in-nota huwa li tingħata gwida prattika lill-Istati Membri (jiġifieri l-IAB, il-MA u s-CAs) dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom f'dak li jirrigwarda l-proċedura tal-ħatra u t-tħejjija tar-rapport u l-opinjoni meħtieġa skont l-Artikolu 124 CPR u l-Artikolu 21 KTE applikabbli għall-FSIE (ħlief għall-FAEŻR). Il-gwida tindirizza wkoll xi elementi speċifiċi applikabbli għall-programmi tal-KTE. In-nota ta' gwida hija akkumpanjata minn lista ta' kontroll, li nirrakkomandaw li tintuża bħala għodda mill-MA u mis-CA waqt it-tħejjija tad-deskrizzjoni tal-MCS u mill-IAB sabiex jiffaċilita u jirreġistra x-xogħol tiegħu. Il-lista ta' kontroll tista' tiġi adattata sabiex tqis kull karatteristika speċifika tal-MCS tal-Istat Membru.

Il-mudelli tar-rapport u tal-opinjoni dwar il-konformità tas-sistemi tal-korpi maħtura mal-kriterji tal-ħatra (ara l-Anness XIII CPR) huma stabbiliti fl-Anness IV u l-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1011/2014 tat-22 ta' Settembru 2014 adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 127(7) CPR.

Il-korrispondenza uffiċjali kollha bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni relatata mal-proċedura tal-ħatra għandha ssir permezz tal-SFC 2014.

## 1.3. Differenzi ewlenin mill-perjodu tal-2007-2013

Il-proċedura tal-ħatra għall-perjodu 2014-2020 skont l-Artikoli 123 u 124 CPR u l-Artikolu 21 KTE hija responsabbiltà tal-Istat Membru u hija evoluzzjoni mill-arranġamenti applikabbli għall-perjodu 2007-2013 biex tinkiseb l-assigurazzjoni meħtieġa dwar it-twaqqif tas-sistemi għall-ġestjoni u l-kontroll tal-Fondi. Għandha bosta similaritajiet mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità użata fil-bidu tal-perjodu 2007-2013.

L-għan tal-proċedura tal-ħatra huwa li jkun żgurat li l-MA u s-CA ikollhom l-MCS meħtieġa u adattata stabbilita mill-bidu tal-perjodu sabiex ikun żgurat li jkunu kapaċi jissodisfaw ir-responsabbiltajiet mogħtija lilhom skont l-Artikoli 125 u 126 CPR rispettivament u l-Artikoli 23 u 24 KTE.

# 2. GWIDA

## 2.1. In-notifika tad-deċiżjoni tal-ħatra u r-rwol tal-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 124(1) CPR, l-Istat Membru jrid jinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-data u l-forma legali tal-ħatriet, imwettqa f'livell xieraq, tal-MA u, fejn xieraq, tas-CA qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel applikazzjoni għall-ħlas *interim* lill-Kummissjoni. Il-forma legali tal-ħatra tista' tkun att leġiżlattiv adottat fil-livell nazzjonali (pereż. Liġi, digriet, deċiżjoni ministerjali) jew kull forma oħra li l-Istat Membru jqis xierqa. F'kull każ, id-dokument li permezz tiegħu l-Istat Membru jaħtar lill-MA u lis-CA għandu jkun finali u adottat mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti sad-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-ħatra lill-Kummissjoni; ir-referenza għal dan id-dokument għandha tiddaħħal fl-SFC2014 fiż-żmien ta' din in-notifika.

Sabiex tkun assigurata l-imparzjalità totali u l-indipendenza fil-proċess tal-ħatra (l-Artikolu 123 CPR), huwa rrakkomandat li l-korp jew il-persuna li tkun ingħatat is-setgħa li taħtar lill-korpi u / jew timmonitorja l-ħatra, ma għandhiex tkun l-AA, il-MA, is-CA jew korp intermedju.

Meta jinnotifika d-deċiżjoni tal-ħatra lill-Kummissjoni fl-SFC2014, l-Istat Membru huwa mħeġġeġ li jindika jekk hemmx opinjoni ta' awditjar mhux kwalifikata mogħtija mill-IAB. Huwa rrakkomandat li l-korp jew il-persuna li tkun ingħatat is-setgħa li taħtar lill-korpi u / jew timmonitorja l-ħatra tkun responsabbli wkoll min-notifika tad-deċiżjoni tal-ħatra lill-Kummissjoni fl-SFC2014.

Il-proċedura għan-notifika tal-ħatra u r-rwol tal-Kummissjoni huma miġbura fil-qosor f'dijagramma fl-Anness 1 għal din il-gwida.

## 2.2. Id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi maħtura

Id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti għall-MA u s-CA maħtura tifforma l-bażi għax-xogħol tal-awditjar li jrid isir mill-IAB fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità tal-MCS f'dawn il-korpi mal-kriterji tal-ħatra stipulati fl-Anness XIII CPR. Id-deskrizzjoni għandha ssegwi l-mudell stipulat fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1011/2014 u għandha tinkludi informazzjoni dwar il-prinċipji ġenerali tal-MCS kif imsemmija fl-Artikoli minn 72 sa 74 u minn 122 sa 126 CPR u l-Artikoli minn 21 sa 24 KTE.

Skont kif inhi organizzata l-MCS, awtoritajiet jew korpi differenti jistgħu jkunu responsabbli għat-tħejjija ta' partijiet differenti tad-deskrizzjoni. Huwa rrakkomandat li l-MA u s-CA jużaw il-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida (indirizzata l-aktar lill-AA) bħala għodda ta' awtovalutazzjoni għat-tfassil tad-deskrizzjonijiet tas-sistemi tagħhom. Il-MA għandha tkun responsabbli mid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet delegati lil korpi intermedji ssorveljati minnha. Is-CA għandha tkun responsabbli mid-deskrizzjoni tal-kompiti ta' korpi intermedji ssorveljati minnha.

Għall-programmi tal-KTE, id-deskrizzjoni tas-sistema għandha tindirizza b'mod ċar l-ispeċifiċitajiet tal-MCS, u tinkludi referenzi għall-atturi differenti previsti fl-artikli msemmija hawn fuq (l-EGTC, is-segretarjat konġunt, il-kontrolluri[4] u l-grupp tal-awdituri[5] jekk applikabbli) u l-awtoritajiet nazzjonali, fejn applikabbli.

Is-sottomissjoni ta' deskrizzjoni definittiva lill-IAB hija d-data ewlenija għat-tnedija tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra. Il-Kummissjoni

[4] Skont l-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013.
[5] Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013.

tirrakkomanda li l-Istat Membru jaħtar korp speċifiku, li jista' jkun il-MA jew il-korp ta' koordinazzjoni (l-Artikolu 123(8) CPR), sabiex ikun responsabbli mis-sottomissjoni tad-deskrizzjoni kompluta definittiva, li tinkludi lill-awtoritajiet / il-korpi kollha u l-aspetti kollha tas-sistemi. Id-deskrizzjoni tas-sistema għandha tiġi sottomessa biss lill-IAB meta r-regoli tal-organizzazzjoni u tal-proċeduri jkunu nħarġu u ġew approvati sabiex l-IAB ikun jista' jlesti xogħolu b'mod effiċjenti. L-IAB imbagħad għandu jivverifika l-kompletezza tad-deskrizzjoni qabel jibda l-ħidma tiegħu.

Skont l-Artikolu 21(3) KTE, japplikaw l-istess prinċipji. L-Istat Membru fejn tinsab il-MA għandu jwettaq il-proċedura tal-ħatra. Madankollu huwa rrakkomandat li l-grupp tal-awdituri, permezz tal-metodoloġija żviluppata mill-IAB, għandu jgħin lill-IAB responsabbli mill-ivvalutar tal-organizzazzjoni ta' programm tal-KTE.

Fejn sistema komuni tapplika għal aktar minn programm wieħed, tista' tintuża deskrizzjoni waħda. Jista' jitqies li teżisti sistema komuni meta l-istess MCS tappoġġa l-attivitajiet ta' diversi programmi. Il-kriterju li għandu jitqies hija l-preżenza tal-istess elementi ewlenin ta' kontroll. Il-kriterju li għandu jkun ikkunsidrat huwa l-preżenza tal-istess elementi ta' kontroll ewlenin, jiġifieri meta dawn l-elementi li ġejjin ikunu essenzjalment l-istess għal sett ta' programmi: (i) id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet ta' kull korp involut fil-ġestjoni u l-kontroll, u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet f'kull korp; (ii) il-proċeduri għall-iżgurar tal-korrettezza u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, inklużi rekords adegwati tal-awditjar u superviżjoni tal-IB, fejn ikun japplika. L-eżistenza ta' livelli ta' riskju komuni (pereżempju, IB simili f'bosta programmi b'riskju komuni marbut mat-tip ta' IB) tista' wkoll tkun fattur li wieħed għandu jikkunsidra meta jiddetermina l-eżistenza ta' sistema komuni. Minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom, jiġifieri l-involviment ta' mill-inqas żewġ Stati Membri, il-programmi tal-KTE ma għandhomx jitqiesu li jappartjenu għal MCS komuni flimkien mal-programmi prinċipali.

Fid-deskrizzjoni tas-sistema r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet komuni, l-elementi ta' kontroll komuni, is-separazzjoni tal-funzjonijiet, l-aspetti tas-sistemi li japplikaw b'mod orizzontali u dawk li huma separati għal kull programm għandhom ikunu definiti b'mod ċar.

### 2.3. Kriterji għall-ħatra

Il-ħatra ssir fuq il-bażi tal-kriterji tal-ħatra stipulati fis-CPR (ara l-Anness 2) li jirrigwardaw lill-ambjent ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, l-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll, u l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-korpi maħtura. Il-ħatra ssir f'livell xieraq deċiż mill-Istat Membru (la l-livell u lanqas il-korp ma huwa speċifikat fis-CPR). Huwa rrakkomandat li l-Istat Membru jiddetermina f'livell xieraq liema korp se jkun responsabbli għall-ħatra u / jew il-monitoraġġ kontinwu tiegħu (ara t-Taqsima 13 hawn taħt).

L-organizzazzjoni tas-sistemi fil-MA għandha tassigura li hija f'qagħda li tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikoli 72 u 125 CPR u l-Artikolu 23 tal-KTE inklużi, fost l-oħrajn, dawk relatati mas-separazzjoni tal-funzjonijiet u l-ġestjoni tal-programmi, l-għażla tal-operazzjonijiet, il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji tal-programm, inklużi l-verifiki ta' ġestjoni (amministrattivi u ta' fuq il-post), il-preżenza ta' rekords adegwati tal-awditjar, miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi, it-tfassil tad-dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni u tas-sommarju annwali u s-sistemi ta' monitoraġġ meħtieġa inklużi dawk meħtieġa għall-indikaturi.

L-organizzazzjoni tas-sistemi fis-CA għandha tassigura li hija f'qagħda li tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikolu 126 CPR u l-Artikolu 24 KTE inklużi, fost l-oħrajn, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni, it-tfassil ta' kontijiet kompluti u korretti (l-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju), l-iżgurar li r-rekords tal-kontijiet qegħdin jinżammu f'forma kompjuterizzata, l-iżgurar li tirċievi informazzjoni adegwata mill-MA dwar il-verifiki li jsiru b'rabta man-nefqa ddikjarata u l-ikkunsidrar tar-riżultati tal-awditjar.

Skont l-Artikolu 123(7) CPR, l-arranġamenti rilevanti bejn il-MA / is-CA u l-korpi intermedji għandhom ikunu rreġistrati b'mod formali bil-miktub. Dawn il-ftehimiet bil-miktub mal-korpi intermedji, li għandhom ikunu stabbiliti mill-bidu tal-programmi, jiffurmaw element essenzjali tal-MCS u għandhom jistipulaw b'mod ċar il-funzjonijiet rispettivi ta' kull korp. L-istess japplika għall-programmi tal-KTE (l-EGTC, is-segretarjati konġunti, il-kontrolluri u l-awtoritajiet nazzjonali, fejn ikun rilevanti). Kif inhu meħtieġ skont l-Anness XIII (il-punt 1(ii)) CPR, meta ċerti funzjonijiet huma ddelegati lil korpi intermedji, il-MA jew is-CA għandu jkollha proċeduri li jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti għat-twettiq ta' dawn il-kompiti tkun magħmula disponibbli għal dawn il-korpi u li jkollha proċeduri adegwati għar-reviżjoni u s-superviżjoni tax-xogħol tagħhom. Dan il-prinċipju japplika wkoll għall-programmi tal-KTE.

Il-kriterji tal-ħatra jiffukaw l-aktar fuq l-organizzazzjoni tas-sistemi relatati mal-funzjonijiet tal-MA u tas-CA u huma simili ħafna għall-kriterji użati għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għall-perjodu 2007-2013, billi r-responsabbiltajiet tal-MAs u tas-CAs huma essenzjalment l-istess.

Għaldaqstant il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jżommu l-elementi eżistenti tas-sistemi attwali fejn dawn ikunu qegħdin jaħdmu tajjeb (pereż. rati baxxi ta' żbalji rrapportati, is-sistemi vvalutati fil-kategoriji 1 u 2, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 73 tar-Regolament 1083/2006 fil-perjodu 2007-2013, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 73 tar-Regolament 1198/2006 fil-perjodu 2007-2013 (EFF)). Għall-kuntrarju, rati għoljin ta' żbalji rrapportati jew sistemi vvalutati fil-kategoriji 3 jew 4 jindikaw il-ħtieġa li l-MCS tiġi msaħħa.

L-idea hija li nkomplu nibnu fuq l-assigurazzjoni diġà miksuba matul il-perjodu 2007-2013. F'bosta każijiet, il-MAs ikunu l-istess bħal dawk tal-perjodu 2007-2013 u l-assigurazzjoni fuq dawn il-korpi tkun diġà ġiet mibnija kemm mill-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll mill-awditjar li sar tal-funzjonament tas-sistemi f'dawn il-korpi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 124(2) jiddikjara li meta l-IAB jikkonkludi li parti mill-MCS għal dawn il-korpi tkun essenzjalment l-istess bħal dik għall-perjodu 2007-2013 u li jkun hemm evidenza, abbażi tal-ħidma ta' awditjar tal-funzjonament effettiv tagħhom matul dak il-perjodu, huwa jista' jikkonkludi li l-kriterji rilevanti huma sodisfatti mingħajr ma jwettaq aktar ħidma ta' awditjar. Dan għandu jżid l-effiċjenza tal-ħidma ta' awditjar meħtieġa għall-proċess tal-ħatra. L-ammont ta' dipendenza għandu jkun żvelat fir-rapport/l-opinjoni tal-awditjar. Madankollu, għall-kriterji l-ġodda (il-proċeduri għall-ġestjoni tar-riskju u l-miżuri kontra l-frodi, il-proċeduri għat-tfassil tad-dikjarazzjoni tal-ġestjoni / is-sommarju annwali/il-kontijiet u l-proċeduri li jiżguraw il-kredibilità tad-dejta dwar l-indikaturi / it-tragwardi / il-progress tal-programm fil-kisba tal-għanijiet tiegħu), trid issir ħidma ta' awditjar sabiex tiġi vvalutata l-konformità f'dawn l-oqsma.

## 2.4. L-ippjanar u l-iskedar tax-xogħol tal-Korp tal-Awditjar Indipendenti (IAB)

L-IAB għandu jkollu żmien adegwat sabiex ilesti l-proċess kollu ta' valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra li jinkludi l-fażijiet li ġejjin:

- Ir-riċevuta tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti għall-MA u s-CA u l-ġbir ta' dokumenti rilevanti oħrajn.
- L-analiżi tad-dejta miġbura, l-eżami tad-dokumenti u t-twettiq tal-ħidma ta' awditjar meħtieġa, inklużi fejn ikun xieraq intervisti mal-persunal.
- It-tħejjija tar-rapport u tal-opinjoni u tal-proċedura kontradittorja, inkluża l-validazzjoni tas-sejbiet u l-konklużjonijiet. Għandu jkun allokat biżżejjed żmien għal din il-proċedura b'mod li l-awtoritajiet ivvalutati jkunu jistgħu jwieġbu għall-kummenti u jipprovdu informazzjoni addizzjonali.

- It-traduzzjoni tad-dokumenti fil-lingwa ta' ħidma miftiehma għall-programmi bil-KTE.

Huwa rrakkomandat li tiġi miftiehma skeda ta' żmien bejn l-awtoritajiet involuti fil-proċess.

Jekk ikun meħtieġ li jiġu ppreżentati d-dokumenti tal-ħatra, kemm b'talba tal-Kummissjoni jew b'inizjattiva tal-Istat Membru, il-verżjoni finali biss tad-dokumenti tal-ħatra għandha tkun ipprovduta.

L-IAB għandu jagħmel reviżjoni inizjali sabiex jidentifika u jipprijoritizza x-xogħol li għandu jsir, waqt li jikkunsidra l-eżistenza ta' sistemi komuni għal diversi programmi, il-ħin u r-riżorsi disponibbli għat-twettiq tal-valutazzjoni u kull riskju identifikat għal programmi partikolari, l-awtoritajiet jew korpi oħrajn, li għandha tinkludi dawn l-elementi li ġejjin:

- Eżami tad-deskrizzjoni tas-sistemi li għandha tkun f'forma finali meta tibda l-ħidma tal-awditjar relatata mal-ħatra. Billi l-istabbiliment tas-sistemi u t-tħejjija tad-deskrizzjoni tas-sistema jistgħu xi drabi jkunu kumplessi u jieħdu fit-tul, l-IAB jista' jiddeċiedi li jibda x-xogħol tiegħu fuq il-partijiet disponibbli tad-deskrizzjoni qabel ma d-dokument sħiħ jiġi finalizzat.
- L-eżami ta' dokumenti rilevanti li jirrigwardaw lis-sistemi. Dawn id-dokumenti jistgħu jinkludu liġijiet, ċirkolari, digrieti ministerjali, atti li jistabbilixxu r-responsabbiltajiet ta' korpi intermedji. F'każ ta' programmi tal-KTE, din il-lista tista' tinkludi wkoll il-ftehimiet formali bejn l-Istati Membri u / jew ir-reġjuni parteċipanti mfassla sabiex jassiguraw il-ġestjoni finanzjarja soda tal-programm. Għaldaqstant, il-qafas ta' implimentazzjoni u dak regolatorju tal-programmi għandu diġà jkun stabbilit meta sseħħ il-valutazzjoni.
- L-użu tar-riżultati tal-awditjar tas-sistemi li sar għall-perjodu tal-2007-2013 skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u skont ir-Regolament (KE) 1198/2006 għall-EFF, fejn l-MCS ikkonċernati huma essenzjalment l-istess. L-IAB għandu jindika fir-rapport sa liema punt ikkunsidra din il-ħidma ta' awditjar, billi jiddeskrivi liema korp wettaq ix-xogħol ta' awditjar (inkluż awditjar tal-UE), meta sar l-awditjar (wieħed għandu jiddependi aktar fuq awditjar reċenti), il-metodoloġija użata għall-awditjar, l-ambitu tal-ħidma li twettqet.
- L-eżami tal-proċeduri stabbiliti relatati mal-oqsma/kriterji l-ġodda inklużi fir-regolamenti; (pereż. il-valutazzjoni tar-riskju, il-miżuri ta' kontra l-frodi, il-kontijiet annwali, id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni, l-indikaturi tal-prestazzjoni u s-sommarju annwali). L-eżami tas-sistemi għaż-żamma tar-rekords tal-kontijiet u tad-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, li jfisser li dawn is-sistemi għandhom ikunu stabbiliti kif ukoll konformi mar-rekwiżiti inklużi fl-Artikolu 32 tas-CDR.
- L-intervisti mal-persunal fil-korpi ewlenin meqjusa importanti. Meta l-programm ikun multireġjonali, b'diversi fondi jew meta d-deskrizzjoni tirrigwarda aktar minn programm wieħed, l-intervisti għandhom jiġu estiżi fejn meħtieġ sabiex jinkludu l-korpi rilevanti kollha. L-IAB għandu jindika fir-rapport sa liema punt għamel intervisti u jispeċifika l-kriterji għall-għażla tal-persuni intervistati.
- Il-verifika tal-konsistenza bejn id-deskrizzjoni tas-sistemi u l-ispjegazzjonijiet miksuba matul il-ħidma mwettqa.

### 2.5. Ix-xogħol li għandu jsir mill-IAB li jkun qed ifassal ir-rapport u l-opinjoni dwar il-ħatra

L-IAB għandu jippjana u jwettaq ix-xogħol meħtieġ sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħti opinjoni dwar il-konformità tal-korpi maħtura mal-kriterji tal-ħatra stipulati fl-Anness XIII CPR.

Skont l-Artikolu 124(2) CPR, dan ix-xogħol għandu jsir b'konsiderazzjoni ta' standards ta' awditjar internazzjonalment aċċettati (INTOSAI, IFAC jew IIA).

Għandu jkun innutat li l-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra tirreferi għall-adegwatezza tad-disinn tal-MCS, li jfisser li l-Kummissjoni tistenna opinjoni dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi u mhux dwar l-effettività prattika tagħhom f'dan l-istadju. Għaldaqstant mhux mistenni li l-IAB iwettaq testijiet fuq il-funzjonament tas-sistemi, anki jekk l-implimentazzjoni tkun bdiet. Madankollu, meta s-sistemi jkunu ġew adattati mqabbla mal-perjodu 2007-2013, għandha ssir valutazzjoni kritika tal-adegwatezza tal-proċeduri relatati u mhux sempliċement li jeżistu proċeduri. L-IAB għandu jibbaża r-rapport u l-opinjoni tiegħu fuq il-ħidma msemmija fl-Artikolu 124(2) CPR, jiġifieri valutazzjoni tal-konformità tal-awtoritajiet maħtura mal-kriterji relatati mal-ambjent ta' kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, l-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll u l-monitoraġġ.

Il-Kummissjoni, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli relevanti CPR, inkluż l-Anness XIII, żviluppat lista' ta' kontroll (l-Anness 3), li huwa rrakkomandat li tintuża bħala għodda mill-IAB sabiex iwettqu l-evalwazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra. Il-Kummissjoni, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli rilevanti tas-CPR, inkluż l-Anness XIII, żviluppat lista ta' kontroll (l-Anness 3), li nirrakkomandaw li tintuża bħala għodda mill-IAB sabiex iwettaq il-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra. Il-lista ta' kontroll tkopri lill-awtoritajiet u lill-korpi kollha u l-kriterji tal-ħatra relatati stipulati fl-Anness XIII CPR. Hija tirrappreżenta l-livell rakkomandat ta' analiżi tal-konformità tal-korpi maħtura mal-kriterji tal-ħatra.

Il-korpi indipendenti tal-awditjar huma mistiedna jwessgħu u jżidu l-lista ta' kontroll skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. L-IAB għandu jżomm rekord sħiħ tal-awditjar tax-xogħol imwettaq inklużi l-ippjanar tal-awditjar, id-dokumenti miksuba, id-dokumenti ta' ħidma, il-listi ta' verifika użati u d-dettalji tal-proċeduri kontradittorji.

Fuq il-bażi tal-mistoqsijiet dettaljati inklużi fil-lista ta' kontroll, l-IAB għandu jasal għal konklużjonijiet ġenerali għall-MA u għas-CA. Dawn il-konklużjonijiet imbagħad għandhom ikunu ttrasferiti għall-parti rilevanti tar-rapport sabiex tiġi stabbilita konklużjoni ġenerali. Din il-konklużjoni ġenerali għandha sservi bħala l-bażi li fuqha l-IAB jiffirma r-rapport u l-opinjoni tiegħu dwar il-konformità ta' dawn il-korpi mal-kriterji tal-ħatra.

F'każijiet fejn il-funzjonijiet tal-MA u tas-CA ikunu ġew magħqudin skont l-Artikolu 123(3) CPR jew meta l-AA tkun parti mill-istess awtorità jew korp pubbliku bħall-MA skont l-Artikolu 123(5) CPR, l-IAB għandu jivvaluta kif il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet huwa assigurat.

Għalkemm in-notifika tal-ħatra tapplika biss għall-MAs u għas-CAs, f'każijiet fejn dawn il-korpi ddelegaw funzjonijiet lil korpi intermedji, ikunu jridu jassiguraw li għandhom stabbiliti proċeduri adegwati sabiex jissorveljaw l-effettività ta' dawn il-funzjonijiet delegati. F'dawn il-każijiet, l-arranġamenti rilevanti bejn il-MA jew is-CA u l-korpi intermedji jeħtieġu li jkunu rreġistrati b'mod formali bil-miktub. Il-korp tal-awditjar indipendenti jkun irid jikseb assigurazzjoni dwar l-adegwatezza tal-organizzazzjoni tas-sistemi relatati ma' tali funzjonijiet delegati fil-livell tal-korp intermedju[6]. L-IAB għandu jkun jista' jagħmel dan billi jawditja l-valutazzjoni proprja tal-MA jew tas-CA tal-korp intermedju flimkien ma' xi ttestjar addizzjonali fil-livell tal-korp intermedju, possibbilment fuq bażi ta' kampjunar.

Għall-programmi tal-KTE, l-Istati Membri li jipparteċipaw fi programm ta' kooperazzjoni jistgħu jagħmlu użu minn Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali b'mod partikolari billi jagħtuh ir-responsabbiltajiet ta' MA. Il-ħidma tal-IAB għandha tkopri l-

6 Inklużi l-"awtoritajiet urbani" imsemmija fl-Artikolu 7 (§4 u §5) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013.

funzjonijiet iddelegati lil tali korpi u lil atturi oħrajn (il-kontrolluri, is-segretarjat konġunt, l-awtoritajiet nazzjonali fejn rilevanti) involuti fl-MCS.

F'każijiet fejn l-Istat Membru jew il-MA ikunu fdaw il-ġestjoni ta' parti minn programm lil korp intermedju permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-korp intermedju u l-Istat Membru jew il-MA ("għotja globali") skont l-Artikolu 123(7), l-IAB ikun jeħtieġ ukoll jeżamina jekk l-Istat Membru jew il-MA kisbux mingħand il-korp intermedju l-garanziji tas-solvenza u l-kompetenza tiegħu fil-qasam ikkonċernat, kif ukoll tal-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tiegħu.

L-IAB għandu jiddeskrivi fir-rapport il-firxa u l-ambitu tax-xogħol imwettaq u l-metodoloġija applikata sabiex jilħaq il-konklużjoni tiegħu dwar il-funzjonijiet iddelegati lill-korpi intermedji inġenerali.

## 2.6. Miżuri kontra l-frodi

Skont il-punt 3.A.(vi) tal-Anness XIII għas-CPR, għall-fini tal-ħatra, il-MA hija meħtieġa jkollha proċeduri għall-istabbiliment ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi.

Dawn il-proċeduri għandhom jistabbilixxu kif se jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125(4)(c) CPR, li jeżiġu li l-MA tistabbilixxi miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi waqt li tikkunsidra r-riskji identifikati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kienet ħarġet gwida[7] sabiex tgħin lill-Istati Membri.

Għalkemm ma hemm l-ebda rekwiżit għall-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi li għandha ssir qabel il-ħatra tal-MA, huwa rrakkomandat li l-proċeduri għandhom jistabbilixxu l-iskeda taż-żmien għat-twettiq kemm tal-valutazzjoni inizjali tar-riskju, li għandha tkun fi stadju bikri ferm fl-implimentazzjoni tal-programm, u f'kull każ qabel ma jiġu pproċessati fis-sistema l-ħlasijiet lill-benefiċjarji, u l-frekwenza mistennija għall-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju. Il-proċeduri għall-istabbiliment ta' miżuri effettivi u proporzjonati għandhom jinkludu dettalji ta':

- l-iskeda taż-żmien tal-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi,
- min se jkun responsabbli għat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju u
- min se jkun responsabbli għall-iżvilupp sussegwenti tal-miżuri meħtieġa kontra l-frodi

Rigward il-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi, il-gwida msemmija hawn fuq tipprovdi għodda għall-identifikazzjoni ta' riskji speċifiċi ta' frodi b'rabta mat-tliet proċessi jiġifieri (i) l-għażla tal-applikanti, (ii) l-implimentazzjoni u l-verifika tal-operazzjonijiet u (iii) ċ-ċertifikazzjoni u l-ħlasijiet. L-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju tal-frodi għandu jidentifika dawk ir-riskji speċifiċi fejn il-valutazzjoni tikkonkludi li ma sarx biżżejjed biex jitnaqqsu kemm il-probabbiltà kif ukoll l-impatt ta' attività potenzjalment frodulenti għal livell aċċettabbli u l-kontrolli ta' mitigazzjoni korrispondenti meqjusa neċessarji (miżuri kontra l-frodi). Din il-valutazzjoni tar-riskju għandha tkun ripetuta matul dan il-perjodu, bil-frekwenza tagħha tiddependi fuq il-livelli tar-riskju u l-każijiet attwali ta' frodi misjuba.

Il-miżuri ta' kontra l-frodi għandhom ikunu inkorporati fl-MCS. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi tifforma l-bażi għat-tweġiba għal kull nuqqas li tinvolvi l-għażla ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi. Dawn huma annessi għan-nota ta' gwida msemmija hawn fuq. F'ċerti każijiet, il-konklużjoni tista' tkun li l-parti l-kbira tar-riskji residwali ġew indirizzati u li għalhekk ftit li xejn miżuri addizzjonali kontra l-frodi huma meħtieġa, jekk huma meħtieġa. L-għodda proposta għall-valutazzjoni tar-riskju għaldaqstant hija meħtieġa għad-

[7] Gwida dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-Frodi u miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi (EGESIF_14-0021-00 tas-16/06/2014)

dokumentazzjoni tal-proċess ta' valutazzjoni u tal-konklużjonijiet għar-reviżjonijiet u l-aġġornamenti futuri.

### 2.7. Ir-rapport u l-opinjoni dwar il-konformità tal-awtoritajiet maħtura mal-kriterji tal-ħatra

Skont l-Artikolu 124(2) CPR, ir-rapport u l-opinjoni dwar il-konformità tal-awtoritajiet maħtura mal-kriterji tal-ħatra għandhom jitfasslu mill-IAB.

Il-mudelli għar-rapport u l-opinjoni ta' awditjar tal-IAB huma stabbiliti fl-Annessi IV u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1011/2014 tat-22 ta' Settembru. Ir-rapport mudell għandu tliet taqsimiet jiġifieri (i) introduzzjoni, (ii) taqsima li tiddeskrivi l-metodoloġija u l-ambitu tax-xogħol imwettaq u (iii) ir-riżultati tal-valutazzjoni għal kull awtorità / korp / sistema.

L-IAB għandu jibbaża r-rapport fuq il-konklużjonijiet rilevanti ta' kull parti tal-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni tal-ħatra. Il-konklużjoni ġenerali sservi bħala l-bażi għall-opinjoni.

Il-MA u s-CA għandhom jaraw li jsolvu l-kwistjonijiet kollha pendenti sabiex l-IAB ikun jista' jipprovdi opinjoni mhux kwalifikata. L-IAB ikun irid jeżerċita l-ġudizzju professjonali sabiex jivvaluta r-riżultati u s-serjetà ta' kull nuqqas identifikat sabiex jipprovdi opinjoni tal-awditjar xierqa. Il-gwida li ġejja tista' tiġi kkunsidrata:

- In-nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra b'rabta mar-rekwiżiti prinċipali tas-sistema għandu jwassal jew għal opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa. Il-kriterji tal-ħatra huma stipulati fl-Anness 2 u huma marbuta mar-rekwiżiti prinċipali relatati[8] fl-Anness 4.
- F'każ ta' konformità parzjali ma' wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra relatati mar-rekwiżiti prinċipali tas-sistema, is-serjetà u l-firxa ta' dawn in-nuqqasijiet għandhom ikunu vvalutati mill-IAB, li jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi fformulata opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa.

  Opinjoni avversa għandha tinħareġ meta l-IAB jikkunsidra li l-għadd u s-serjetà tan-nuqqasijiet fir-rigward tar-rekwiżiti prinċipali tal-MCSs jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità b'firxa wiesgħa mar-rekwiżiti tas-CPR u b'mod partikolari l-Artikoli 72, 125 u 126.

F'konformità ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, l-IAB jista' jinkludi paragrafu ta' osservazzjonijiet dwar xi kwistjoni fl-opinjoni tal-awditjar tiegħu, mingħajr ma jikkwalifika l-opinjoni tiegħu fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

Skont l-Artikolu 32 tiegħu, is-CDR, f'dak li jirrigwarda informazzjoni dwar dejta rreġistrata u maħżuna msemmija fl-Anness III tas-CDR japplika jew mill-1 ta' Diċembru 2014 jew mill-1 ta' Lulju 2015. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-IAB, jekk inħarġet qabel l-1 ta' Diċembru 2014, tista' ma tkunx ikkwalifikata anki jekk is-sistema kompjuterizzata ta' kontijiet u ta' informazzjoni ma tkunx stabbilita għal kollox fiż-żmien meta tinħareġ l-opinjoni tal-awditjar dwar il-ħatra. Madankollu, f'dan il-każ, għandu jiġi inkluż paragrafu ta' osservazzjonijiet fl-opinjoni tal-IAB. L-organizzazzjoni tas-sistema tal-IT għandha tkun segwita mill-korp responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħatra.

[8] Gwida dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-MCS fl-Istati Membri (EGESIF_14-0010).

### 2.8. Deċiżjoni dwar il-ħatra

Skont l-Artikolu 124(1) CPR, L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-data u l-forma tal-ħatriet, li għandhom jitwettqu f'livell xieraq, tal-MA u, fejn ikun xieraq, tas-CA. Il-ħatra hija bbażata fuq ir-rapport u l-opinjoni tal-IAB.

Meta l-opinjoni tal-IAB dwar il-MA u / jew is-CA tkun:

- Avversa jew kwalifikata, l-Istat Membru ma għandux jaħtar lil dak il-korp.
- Mhux kwalifikata, l-Istat Membru għandu jaħtar lill-korp(i).

### 2.9. It-trattament ta' ħlasijiet *interim*

Għall-perjodu 2007-2013, il-ħlas mill-Kummissjoni tal-ewwel applikazzjonijiet għall-ħlasijiet *interim* għal programm kien jiddependi mir-reviżjoni u l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni tal-valutazzjoni tal-konformità.

Il-proċedura tal-ħatra għall-perjodu 2014-2020 hija aktar sempliċi billi mhux meħtieġa approvazzjoni speċifika mill-Kummissjoni tal-proċess tal-ħatra u l-ħlasijiet *interim* jistgħu jibdew malli l-MAs u s-CAs ikunu nħatru, u l-Istat Membru jkun innotifika d-deċiżjoni formali tal-ħatra lill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tal-programm (l-Artikolu 124(1) CPR).

### 2.10. Il-monitoraġġ tal-ħatra

L-Artikolu 124 CPR jinkludi l-obbligu tal-Istat Membru li jimmonitorja l-korpi maħtura (jiġifieri l-MA u s-CA) matul il-perjodu kollu.

L-Istat Membru jrid jistabbilixxi liema korp se jkun responsabbli għall-monitoraġġ. Għall-programmi tal-KTE, dan l-element jeħtieġ attenzjoni partikolari minħabba s-sistemi normalment komplessi fis-seħħ u l-varjetà ta' atturi. Irid ikun hemm arranġamenti fis-seħħ li jiżguraw li l-korp responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħatra ikollu aċċess adegwat għar-rapporti rilevanti kollha u li dawn jiġu pprovduti lilu, inklużi rapporti tal-awditjar u rapporti dwar il-verifiki tal-ġestjoni, biex ikun jista' jwettaq kif xieraq ir-rwol ta' monitoraġġ tiegħu.

Skont l-Artikolu 124(5) CPR, waqt l-implimentazzjoni tal-programm, meta r-riżultati eżistenti ta' awditjar u kontrolli juru li l-awtorità maħtura ma tkunx għadha tissodisfa l-kriterji tal-ħatra, l-Istat Membru għandu, f'livell xieraq, skont is-severità tal-problema, jistabbilixxi perjodu ta' prova, li waqtu għandha tittieħed l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa. Dan jinkludi każijiet fejn il-kriterji tal-ħatra fir-rigward tal-funzjonijiet delegati mill-MA jew mis-CA lill-IBs ma jkunux baqgħu jiġu rrispettati.

Meta l-awtorità maħtura tonqos milli timplimenta l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa fil-perjodu ta' prova, l-Istat Membru għandu jtemm il-ħatra tagħha.

L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mingħajr telf ta' żmien meta awtorità maħtura tkun tqiegħdet f'perjodu ta' prova, billi jipprovdi tagħrif dwar il-perjodu ta' prova rispettiv, il-kriterji tal-ħatra li ma ġewx issodisfati, meta, wara l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju, il-perjodu ta' prova jintemm, kif ukoll meta tintemm il-ħatra ta' awtorità. In-notifika li awtorità maħtura tqiegħdet f'perjodu ta' prova mill-Istat Membru, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 83 CPR, mgħandhiex tkun raġuni biex il-Kummissjoni tinterrompi t-trattament tal-applikazzjonijiet għal ħlasijiet *interim*.

Skont l-Artikolu 124(6) CPR meta l-ħatra ta' MA jew ta' CA tiġi mitmuma, l-Istat Membru għandu jaħtar korp ġdid li, wara l-ħatra tiegħu, jieħu f'idejh il-funzjonijiet ta' dik l-awtorità.

Il-ħatra ta' awtorità ġdida ssir bl-istess mod bħal dik tal-MA jew is-CA oriġinali bit-tħejjija ta' deskrizzjoni ġdida tas-sistema u valutazzjoni mill-IAB kif deskritta hawn fuq.

Waqt l-implimentazzjoni ta' programm, jekk il-MA jew is-CA tiddelega funzjonijiet lil korp intermedju ġdid ma hemm l-ebda ħtieġa li l-ħatra tal-MA jew tas-CA tiġi nnotifikata mill-ġdid. Madankollu, il-korp responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħatra jkun meħtieġ li jimmonitorja li dawn il-korpi jkomplu jikkonformaw mal-kriterji tal-ħatra wara bidla bħal din. Kif imsemmi fit-Taqsima 8, l-arranġamenti rilevanti bejn il-MA jew is-CA u kull korp ġdid intermedju jkunu jridu jiġu rreġistrati b'mod formali bil-miktub. Il-korp responsabbli mill-monitoraġġ tal-ħatra jkun jeħtieġ li jkun sodisfatt bl-adegwatezza tal-organizzazzjoni tas-sistemi relatati mal-funzjonijiet delegati lill-korp intermedju l-ġdid u dan għandu jkun ivverifikat mill-AA matul ix-xogħol tagħha ta' awditjar tas-sistema. Il-MA jew is-CA għandha tinnotifika minnufih lill-AA dwar il-ħatra ta' kwalunkwe IBs ġodda. L-AA imbagħad għandha tivvaluta r-riskji relatati mal-IB l-ġdid u tirrevedi l-istrateġija tal-awditjar tagħha kif xieraq bl-għan li tipprovdi assigurazzjoni dwar il-konformità kontinwa tal-MA jew tas-CA mal-kriterji tal-ħatra rigward il-funzjonijiet delegati lill-IB il-ġdid.

# ANNESS 1: L-ISKEDA TA' ŻMIEN GĦALL-ĦATRA



## ANNESS 2: IL-KRITERJI TAL-ĦATRA GĦALL-MA U S-CA

1. Ambjent ta' kontroll intern

(i) L-eżistenza ta' struttura organizzattiva li tkopri l-funzjonijiet tal-MAs u tas-CAs u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet f'kull waħda minnhom, li jassiguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet, fejn xieraq, ikun irrispettat.

(ii) Qafas għall-iżgurar, f'każ ta' delegazzjoni ta' kompiti lill-korpi intermedji, id-definizzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi u l-obbligi tagħhom, il-verifika tal-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu l-kompiti delegati u l-eżistenza tal-proċeduri ta' rapportar.

(iii) Proċeduri ta' rapportar u monitoraġġ għall-irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament.

(iv) Pjan għall-allokazzjoni ta' riżorsi umani xierqa b'ħiliet tekniċi meħtieġa, f'livelli differenti u għal funzjonijiet differenti fl-organizzazzjoni.

2. Ġestjoni tar-riskji

Wara li jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità, qafas biex ikun żgurat li jsir eżerċizzju xieraq tal-ġestjoni tar-riskju meta jkun meħtieġ, u b'mod partikolari, f'każ ta' bidliet kbar fl-attivitajiet (jiġifieri l-MCS).

3. Attivitajiet ta' Ġestjoni u ta' Kontroll

*A. Awtorità ta' Ġestjoni*

(i) Il-proċeduri rigward l-applikazzjonijiet tal-għotjiet, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, l-għażla għall-finanzjament, inklużi struzzjonijiet u gwida li jassiguraw il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi u r-riżultati tal-assi ta' prijorità rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125(3)(a)(i) CPR.

(ii) Proċeduri għall-verifiki tal-ġestjoni inklużi verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji u l-verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet.

(iii) Proċeduri għat-trattament tal-applikazzjonijiet għar-rimborż mill-benefiċjari u l-awtorizzazzjonijiet tal-ħlasijiet.

(iv) Proċeduri għal sistema biex tinġabar, tiġi rreġistrata u tinħażen f'forma kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni, inkluża, fejn xieraq, dejta dwar parteċipanti individwali u analiżi ta' dejta dwar indikaturi skont is-sess fejn meħtieġ, u biex ikun żgurat li s-sigurtà tas-sistemi hija konformi ma' standards aċċettati internazzjonalment.

(v) Proċeduri stabbiliti mill-MA biex ikun żgurat li l-benefiċjarji jżommu sistema ta' kontijiet separati jew kodiċi ta' kontabilità adegwat għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni.

(vi) Proċeduri għall-istabbiliment ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi.

(vii) Proċeduri għall-iżgurar ta' sekwenza tal-awditjar u sistema ta' arkivjar adegwati.

(viii) Proċeduri għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni, għar-rapportar dwar il-kontrolli mwettqa u d-dgħufijiet identifikati, u s-sommarju annwali tal-awditjar u l-kontrolli finali.

(ix) Proċeduri li jiżguraw il-provvediment lill-benefiċjarju ta' dokument li jistipula l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni.

*B. L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni*

(i) Proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' ħlasijiet *interim* lill-Kummissjoni.

(ii) Proċeduri biex jitfasslu l-kontijiet u biex jiġi ċċertifikat li huma veri, kompluti u korretti u li n-nefqa tikkonforma mar-regoli applikabbli nazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-awditjar kollu.

(iii) Proċeduri għall-iżgurar ta' sekwenza adegwata tal-awditjar biż-żamma ta' rekords tal-kontijiet inklużi l-ammonti rekuperabbli, rkuprati u rtirati minn kull operazzjoni f'forma kompjuterizzata.

(iv) Proċeduri, fejn xieraq, biex tiżgura li tirċievi informazzjoni adegwata mingħand il-MA dwar il-verifiki mwettqa, u r-riżultati tal-awditjar imwettqa mill-AA jew taħt ir-responsabbiltà tagħha.

4. Monitoraġġ

*A. Awtorità ta' Ġestjoni*

(i) Proċeduri li jappoġġaw il-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ.

(ii) Proċeduri għat-tfassil u s-sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali.

*B. L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni*

(i) Proċeduri dwar l-issodisfar tar-responsabbiltajiet tagħha għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni u r-riżultati tal-awditjar li jkun sar mill-AA jew taħt ir-responsabbiltà tagħha qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet lill-Kummissjoni.

# ANNESS 3: LISTA TA' KONTROLL GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-KORPI MAĦTURA MAL-KRITERJI TAL-ĦATRA KIF STIPULAT FL-ANNESS XIII GĦAR-REGOLAMENT (UE) NRU 1303/2013

**[jj/xx/ss]**

AMBITU

**Stat Membru / Reġjun:**

**CCI:**

**Programm Operattiv:**

Data tal-preżentazzjoni uffiċjali tal-pakkett tal-ħatra mill-Istat Membru lill-Korp Indipendenti tal-Awditjar (minn hawn 'il quddiem l-IAB):

| | |
|---|---|
| **Imħejji minn:**<br>(firma, data) | **Rivedut minn:**<br>(firma, data) |

***Introduzzjoni – L-iskop tal-użu ta' lista ta' kontroll***

Il-ħatriet imsemmija fl-Artikoli 123 u 124 CPR u fl-Artikolu 21 KTE għandhom ikunu bbażati fuq rapport u opinjoni ta' IAB li jivvaluta l-konformità tal-awtoritajiet mal-kriterji relatati mal-ambjent tal-kontroll intern, il-ġestjoni tar-riskju, l-attivitajiet ta' kontroll, u l-monitoraġġ stipulati fl-Anness XIII.

Huwa rrakkomandat li din il-lista ta' verifika tintuża mill-IAB bħala appoġġ u gwida għall-ħidma ta' awditjar tiegħu li tirrigwarda l-valutazzjoni tiegħu tal-konformità tal-awtoritajiet maħtura mal-kriterji tal-ħatra. Matul il-valutazzjoni tiegħu, l-IAB għandu jwettaq il-ħidma tiegħu waqt li jikkunsidra standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment. Il-lista ta' kontroll tista' tkun adattata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-programm kopert, kif xieraq.

Din il-lista ta' verifika tista' tintuża wkoll waqt it-tħejjija tad-deskrizzjoni tal-MCS bħala għodda ta' awtovalutazzjoni.

***Valutazzjoni tal-MCSs essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti***

Meta l-IAB jikkonkludi li l-parti tal-MCS, li tirrigwarda lill-MA jew lis-CA, hija essenzjalment l-istess bħall-perjodu preċedenti, u li hemm evidenza, fuq il-bażi tax-xogħol tal-awditjar magħmul skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, tal-funzjonament effettiv tagħhom matul dak il-perjodu, jista' jikkonkludi li l-kriterji rilevanti huma ssodisfati mingħajr ma jagħmel aktar xogħol ta' awditjar.

L-IAB għandu debitament jiddokumenta l-konklużjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

***Tmiem il-ħatra ta' korp***

Skont l-Artikolu 124(6) CPR li jirrigwarda t-tmiem tal-ħatra ta' MA jew ta' CA, l-IAB ikun jeħtieġ li jwettaq l-istess tip ta' valutazzjoni tal-konformità tal-korp ġdid maħtur mal-kriterji tal-ħatra.

***Rekwiżiti prinċipali tas-sistema –nuqqas ta' konformità tista' twassal għal opinjoni avversa***

In-nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra b'rabta mar-rekwiżiti prinċipali tas-sistema għandu jwassal jew għal opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa.

F'każ ta' konformità parzjali ma' wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra relatati mar-rekwiżiti prinċipali tas-sistema, is-serjetà u l-firxa ta' dawn in-nuqqasijiet għandhom ikunu vvalutati mill-IAB, li jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi fformulata opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa.

***Rekwiżiti prinċipali u kriterji ta' valutazzjoni marbuta mal-kriterji tal-ħatra***

L-Anness 4 jistabbilixxi r-rekwiżiti prinċipali u l-kriterji ta' valutazzjoni relatati mal-kriterji tal-ħatra. In-numerazzjoni tal-valutazzjoni użata fl-Anness 5 hija użata wkoll fil-kolonna 2 ta' din il-lista ta' kontroll taħt kull mistoqsija fejn huwa rilevanti.

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

## 0. Ħarsa Ġenerali – Verifika tal-kompletezza tad-dokumenti sottomessi lill-IAB

| | | | |
|---|---|---|---|
| 0.1. | L-Istat Membru ppreżenta lill-IAB **id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri** stabbiliti għall-awtorità ta' ġestjoni u, fejn xieraq, għall-awtorità ta' ċertifikazzjoni?<br><br>L-elementi kollha tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni huma indikati?<br><br>Ivverifika li d-dokumentazzjoni sottomessa hija kompluta. | | |
| 0.2. | Din l-informazzjoni li ġejja hija msemmija espliċitament fid-dokumenti sottomessi?<br><br>- It-titolu tal-programm u n-Nru CCI;<br>- Il-persuna ta' kuntatt ewlenija (inkluż l-indirizz elettroniku – korp responsabbli għad-deskrizzjoni);<br>- Id-data tad-deskrizzjoni tas-sistema (jj/xx/ss);<br>- Deskrizzjoni tal-istruttura tas-sistema;<br>- L-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt tal-Awtorità ta' Ġestjoni;<br>- L-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni<br>- L-ismijiet, l-indirizzi u l-punti ta' kuntatt tal-Korpi Intermedji kollha;<br>- L-i*status* legali tal-MA u l-korp li tifforma parti minnu<br>- L-istatus legali tas-CA u l-korp li tifforma parti minnu<br>- Il-MA hija maħtura wkoll bħala CA (l-Artikolu 123(3) CPR)? Jekk iva, ikkonferma li l-MA hija awtorità pubblika<br>- Għall-programmi tal-KTE, l-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt tas-Segretarjat Konġunt huma indikati?<br>- Għall-programmi tal-KTE, l-ismijiet, l-indirizzi u l-punti ta' kuntatt tal-kontrolluri (l-Artikolu 23 tar-Regolament 1299/2013) f'kull Stat Membru huma indikati?<br>- Għall-programmi tal-KTE, l-ismijiet, l-indirizz u l-kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali f'kull Stat Membru ddikjarat huma indikati (jekk rilevanti)?<br>- Ġie indikat kif il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-AA u l-MA / is-CA huwa żgurat meta japplika l-Artikolu 123(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013? | | |
| 0.3. | Għall-programmi tal-KTE, id-deskrizzjoni tidentifika jekk korp f'wieħed mill-Istati Membri parteċipanti għandux responsabbiltà ġenerali ta' koordinazzjoni għall-kwistjonijiet ta' ġestjoni u ta' kontroll? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| | **Konklużjoni** | Adegwati / mhux adegwati |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

## 1. L-Ambjent ta' Kontroll Intern – Anness XIII. tar-Regolament dwar is-CPR, punt 1

*Din il-parti tal-lista ta' kontroll tapplika għall-awtoritajiet ta' ġestjoni [MA], l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni [CA] kollha u għall-funzjonijiet iddelegati lil korpi intermedji [IB]*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.0. | Hemm xi partijiet tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll li huma marbuta mal-ambjent ta' kontroll intern essenzjalment l-istess bħal dawk tal-perjodu ta' programmar preċedenti?<br><br>Jekk iva, agħti dettalji ta' liema partijiet u ġġustifika kif intlaħqet din il-konklużjoni *(jiġifieri l-konklużjoni li parti mis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll, li tirrigwarda lill-awtorità ta' ġestjoni jew lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, hija essenzjalment l-istess bħal dik tal-perjodu ta' programmar preċedenti, u li hemm evidenza, fuq il-bażi tax-xogħol ta' awditjar imwettaq skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, tal-funzjonament effettiv tagħhom matul dak il-perjodu) biex l-IAB ikun jista' jikkonkludi li l-kriterji rilevanti huma ssodisfati mingħajr ma jagħmel aktar xogħol ta' awditjar* | | |
| | **1. (i) L-eżistenza ta' struttura organizzattiva li tkopri l-funzjonijiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdanhom, li tiżgura li l-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet, fejn xieraq, huwa rrispettat.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 1 u 9*** | |
| 1.1. | (1.1., 1.3., 9.1., 9.3.) Ġiet ipprovduta dijagramma ta' organizzazzjoni kompluta, li tkopri:<br>- il-funzjonijiet kollha tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni u l-korpi intermedji (għall-funzjonijiet delegati) u<br>- l-allokazzjoni ta' funzjonijiet f'kull awtorità / korp, li jiżguraw li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet, fejn xieraq, huwa rrispettat?<br>- l-AA?<br>Il-funzjonijiet kollha tal-MA u tas-CA huma koperti? | | |
| 1.2. | (1.1., 1.3., 1.4., 9.1., 9.3.. 9.4.) Ġew ipprovduti informazzjoni ġenerali u dijagramma tal-fluss li turi r-relazzjonijiet organizzattivi bejn il-MA, is-CA, l-IBs u l-AA u li tinkludi l-linji ta' rapportar lill-Kummissjoni?<br>Ġie deskritt kif is-separazzjoni tal-funzjonijiet hija assigurata fil-każ li l-MA twettaq ukoll il-funzjonijiet | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | tas-CA?<br>Għall-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (KTE), din l-informazzjoni tkopri wkoll lis-Segretarjat Konġunt (JS), lill-kontrolluri responsabbli mill-verifika tal-legalità u tar-regolarità tan-nefqa, lill-grupp tal-awdituri u lill-awtoritajiet nazzjonali fejn rilevanti? | | |
| 1.3. | (1.1., 9.1.) Fil-każ ta' programmi tal-KTE, huwa indikat kif il-kontrolluri maħtura skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 23 tar-Regolament 1299/2013 sejrin jirrapportaw lill-MA, biex hija tkun tista' twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 125 tar-Regolament 1303/2013. | | |
| 1.4. | (1.1., 9.1.) Fil-każ tal-programmi tal-KTE, hemm mudell standard ta' ftehim ta' implimentazzjoni bejn il-MA u l-benefiċjarju ewlieni u l-benefiċjarju ewlieni u l-imsieħba fil-proġett | | |
| 1.5. | (1.1., 1.3., 9.1., 9.3.) Fejn l-awtorità ta' ġestjoni hija wkoll benefiċjarja bil-programm operattiv, l-arranġamenti għall-verifiki tal-ġestjoni jassiguraw separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet? | | |
| 1.6. | (1.1., 1.3., 9.1., 9.3.) Hemm proċeduri li jiżguraw li l-persunal f'"pożizzjonijiet sensittivi" (jiġifieri kull pożizzjoni li l-okkupant tagħha jista' joħloq effett negattiv fuq l-integrità u l-funzjonament tal-istituzzjoni minħabba n-natura tar-responsabbiltà tiegħu) huwa identifikat u li kontrolli xierqa (inklużi, fejn xieraq, ir-rotazzjoni u s-segregazzjoni tal-politiki tal-funzjonijiet) huma applikati għal tali pożizzjonijiet? | | |
| 1.7. | (1.1., 1.3., 9.1., 9.3.) Hemm proċeduri stabbiliti biex jiġu identifikati u evitati kunflitti ta' interess permezz ta' politika adegwata ta' separazzjoni tal-funzjonijiet? | | |
| 1.8. | (1.1., 9.1.) Politiki ta' etika u integrità: Ikseb kopja tal-liġijiet, ir-regoli, il-kodiċijiet u l-proċeduri rilevanti li għandhom ikunu applikati mill-entità awditjata għall-politiki ta' etika u integrità u vverifika jekk ikoprux l-istandards ta' mġieba tal-persunal fir-rigward, pereżempju, ta':<br>- kunflitti ta' interess (obbligu ta' divulgazzjoni);<br>- l-użu ta' informazzjoni uffiċjali u riżorsi pubbliċi;<br>- l-aċċettazzjoni ta' rigali jew benefiċċji | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | - il-lealtà u l-kunfidenzjalità, eċċ.<br>Dawn ir-regoli huma vinkolanti għall-persunal li jaħdem fil-MA, fis-CA jew fl-IBs?<br><br>Hemm proċedura għat-tixrid ta' dawn ir-regoli u biex il-persunal jiġi infurmat b'mod sistematiku dwar il-bidliet f'dawn ir-regoli / persunal ġdid jiġi infurmat dwar ir-regoli? | | |
| | **1. (ii) Qafas biex ikun żgurat, f'każ ta' delegazzjoni tal-kompiti lil korpi intermedji[9], li jiġu ddefiniti r-responsabbiltajiet u l-obbligi rispettivi tagħhom, li jiġu vverifikati l-kapaċitajiet tagħhom li jwettqu l-kompiti delegati u li jeżistu proċeduri ta' rapportar.** | ***Rekwiżiti prinċipali 1, 3, 9 u 10*** | |
| 1.9 | *(10.1.) Il-korp tal-awditjar indipendenti jkun irid jikseb assigurazzjoni dwar l-adegwatezza tal-organizzazzjoni tas-sistemi relatati ma' tali funzjonijiet delegati fil-livell tal-korp intermedju. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jkun jista' jagħmel dan billi jawditja l-valutazzjoni proprja tal-awtorità ta' ġestjoni u / jew tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni tal-korp intermedju flimkien ma' xi ttestjar addizzjonali fil-livell tal-korp intermedju, possibbilment fuq bażi ta' kampjunar.* | mhux applikabbli | mhux applikabbli |
| 1.10 | (3.1., 3.2., 3.3., 1.4., 9.4., 10.1. u 10.2) Hemm proċeduri biex l-IBs u l-benefiċjarji jkollhom disponibbli inkluża informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet? | | |
| 1.11. | (1.1., 1.5., 9.1., 9.5. u 10.2.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-korpi intermedji hija essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti ta' programmar?<br><br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0 hawn fuq) | | |
| 1.12 | (1.1., 1.4., 9.4. u 10.2.) Il-korpi intermedjarji kollha nħatru formalment (data u forma ta' ħatra) jew huma fil-proċess li jinħatru formalment skont l-Artikolu 123(6) tar-Reg. 1303/2013? | | |

[9] Inklużi l-awtoritajiet urbani skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013.

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | Għall-IBs kollha magħrufa, ikkonferma li l-ftehimiet relevanti (irreġistrati formalment bil-miktub) jeżistu, iddeskrivi l-karigi u d-dmirijiet tal-awtoritajiet ta' ġestjoni jew ta' ċertifikazzjoni li ġew iddelegati lill-IBs.<br><br>Ir-responsabilitajiet u l-obbligi rispettivi tal-MA / CA u IB huma ddikjarati b'mod ċar bil-miktub?<br><br>Hemm referenza għad-dokumenti rilevanti fid-deskrizzjoni (atti legali b'awtorizzazzjonijiet, ftehimiet)? | | |
| 1.13. | (1.1., 1.5., 9.5. u 10.2.) Il-proċeduri fil-MA / fis-CA għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-funzjonijiet iddelegati huma adegwati?<br><br>Hemm proċeduri adegwati għar-rapportar u l-monitoraġġ bejn il-MA / is-CA u l-korp li għandu l-kompiti ddelegati lilu fuq il-bażi ta' mekkaniżmi ta' rapportar adegwati (reviżjoni tal-metodoloġija tal-IB, reviżjoni regolari tar-riżultati rapportati mill-IB, prestazzjoni mill-ġdid fuq bażi ta' kampjun tax-xogħol imwettaq mill-IB)? | | |
| 1.14. | (1.1., 9.1. u 10.2.) Il-MA / is-CA kisbet dijagramma organizzattiva li tiddeskrivi l-allokazzjoni tal-kompiti bejn u fl-IBs flimkien man-numru indikattiv ta' postijiet allokati?<br><br>Tat dettalji ta' xi problema li sabet mill-analiżi tad-dijagramma organizzattiva? | | |
| 1.15. | (1.1., 1.5., 9.1., 9.5. u 10.2.) Il-MA / is-CA ivverifikat il-kapaċità (responsabbiltajiet iddefiniti b'mod ċar, dijagramma organizzattiva ċara, eċċ.) tal-IB li jwettaq il-kompiti ddelegati jiġifieri fir-rigward tal-għażla tal-operazzjonijiet, il-verifiki tal-ġestjoni jew xi kompiti ddelegati oħrajn?<br><br>Il-verifika għandha tkun dokumentata. Il-MA / is-CA għandha toħloq u żżomm evidenza mill-verifiki mwettqa. | | |
| 1.16. | (1.4., 1.5., 1.6, 9.4., 9.5., 9.6. u 10.2.) Il-MA / is-CA ivvalutat jekk hemmx xi manwal(i) tal-proċeduri mħejji(ja) għall-użu mill-persunal tal-IB?<br><br>Hemm xi proċedura formali li tikkontrolla t-tibdil, l-introduzzjoni jew l-abbandun ta' dawn il-proċeduri? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-manwali tal-proċeduri huma bbażati fuq l-istruzzjonijiet tal-MA / tas-CA?<br><br>Il-MA / is-CA vvalutat jekk dawn il-manwali humiex adegwati?<br><br>Ġie indikat kif ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni se jkunu kkomunikati lill-IBs u mbagħad segwiti?<br><br>Il-valutazzjoni għandha tkun dokumentata. Il-MA / is-CA għandha toħloq u żżomm evidenza mill-valutazzjoni mwettqa. | | |
| 1.17 | (10.1.) F'każijiet fejn l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni fdaw il-ġestjoni ta' parti minn programm operattiv lil korp intermedju permezz ta' ftehim bil-miktub bejn il-korp intermedju u l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni ("għotja globali") skont l-Artikolu 123(7), l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni kisbu mingħand il-korp intermedju l-garanziji tas-solvenza u l-kapaċità tiegħu fil-qasam ikkonċernat, kif ukoll tal-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja tiegħu. | | |
| | **1. (iii) Proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ għal irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti li tħallsu meta ma kinux dovuti.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 1, 4, 6, 7, 9 u 12*** | |
| 1.18. | (1.4, 4.2., 6.2, 7.5., 9.4 u 12.2.) Hemm stabbiliti proċeduri dettaljati bil-miktub għall-indirizzar tal-irregolaritajiet inklużi l-każijiet ta' frodi?<br><br>Jekk iva, il-proċeduri jkopru dawn li ġejjin:<br><br>- Id-definizzjonijiet ta' irregolarità, suspett ta' frodi u frodi;<br><br>- L-iskoperta u r-reġistrazzjoni tal-irregolaritajiet, inklużi l-każijiet ta' frodi;<br><br>- Ir-rapportar tal-irregolaritajiet (inklużi formats standard), suspett ta' frodi u frodi stabbilita lill-Kummissjoni permezz tas-sistema ta' rapportar tal-OLAF (IMS – Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritijiet), kif previst skont l-Artikolu 3.4 tar-Regolament tal-Kunsill 883/2013;<br><br>- Il-korrezzjoni tal-irregolaritajiet, inklużi s-suspett ta' frodi u frodi stabbilit;<br><br>- Is-segwitu tal-progress fil-proċeduri amministrattivi u legali relatati mal-irregolaritajiet?<br><br>Hemm proċeduri speċifiċi li jiżguraw koordinazzjoni | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | mas-Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) prevista skont l-Artikolu 3.4. tar-Regolament KE Nru 883/2013?<br><br>Ikkonferma li l-pajjiż għandu proċeduri (inkluża dijagramma skematika li tistabbilixxi l-linji ta' rapportar) għar-rapportar regolari ta' (suspetti ta') frodi u irregolaritajiet lill-Kummissjoni, skont ir-rekwiżit tal-Artikolu 122(2) CPR. | | |
| 1.19. | F'każ ta' irregolaritajiet sistemiċi, il-proċedura stabbilita tinkludi l-passi neċessarji għall-korrezzjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' xi rikorrenza fil-futur? | | |
| 1.20. | L-obbligu tal-persunal li jirrapporta l-irregolaritajiet inklużi l-każijiet ta' frodi huwa stipulat b'mod ċar fil-manwali tal-proċeduri? | | |
| 1.21. | Hemm proċedura stabbilita għall-informaturi (jiġifieri dwar id-dritt li tinforma punt ta' kuntatt estern indipendenti dwar l-irregolaritajiet jew l-imġiba ħażina)?<br><br>Ir-regoli huma adegwati sabiex jipproteġu lill-persunal minn sanzjonijiet interni f'każ ta' rapportar? | | |
| 1.22. | (12.1., 12.2.) Hemm proċeduri li jiżguraw li s-CA iżżomm reġistri tal-kontijiet tal-ammonti rekuperabbli minn ħlasijiet tal-fondi tal-Unjoni (rkupri pendenti) u tassigura li d-deċiżjoni tal-irkupri ssir mingħajr dewmien / rkupri żejda u hija rreġistrata kif xieraq? | | |
| 1.23. | Hemm proċedura għar-reġistrazzjoni tal-imgħax relatat mal-irkupri? | | |
| | **1. (iv) Pjan għall-allokazzjoni ta' riżorsi umani xierqa bil-ħiliet tekniċi meħtieġa, fil-livelli differenti u għal funzjonijiet differenti fl-organizzazzjoni.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 1 u 9*** | |
| 1.24. | (1.2. u 9.2.) Hemm proċeduri stabbiliti li jiżguraw li l-persunal fil-livelli kollha huwa adegwat kemm f'termini ta' numru kif ukoll ta' esperjenza? | | |
| 1.25. | (1.1., 1.2. 9.1.u 9.2.) Id-deskrizzjonijiet tal-impjieg jagħtu dettalji dwar l-għanijiet u l-ambitu tax-xogħol, il-kompiti u r-responsabbiltajiet ta' kull ħaddiem u l-qafas ta' rapportar? | | |
| 1.26. | (1.2. u 9.2.) L-entità għandha proċedura adegwata għall-għażla tal-persunal? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-kriterji tal-għażla huma definiti b'mod ċar? | | |
| 1.27. | (1.2. u 9.2.) Hemm proċeduri adegwati għall-<br>- ġestjoni tal-bidliet fil-persunal (pereż. it-tħejjija ta' spjegazzjonijiet ta' handover)?<br>- mili ta' postijiet battala | | |
| 1.28. | (1.2. u 9.2.) Hemm stabbilita politika ta' sostituzzjoni f'każ ta' assenza fit-tul tal-persunal?<br>Jekk iva, tassigura segregazzjoni xierqa tal-funzjonijiet? | | |
| 1.29. | (1.2. u 9.2.) Hemm proċeduri adegwati biex ikun żgurat li l-uffiċċji u t-tagħmir huma adegwati għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-awtorità u li t-tagħmir tekniku meħtieġ huwa disponibbli? | | |
| 1.30. | (1.2. u 9.2.) Hemm proċeduri li jiżguraw li:<br>- kull membru tal-persunal jingħata t-taħriġ meħtieġ għall-kompiti tiegħu b'mod regolari?<br>- taħriġ bażiku jingħata minnufih lill-persunal il-ġdid kollu? | | |
| 1.31. | (1.2. u 9.2.) Hemm proċeduri għar-rapportar regolari tal-valutazzjoni tal-persunal (inkluża l-awtovalutazzjoni, jekk tapplika)? | | |
| | **Konklużjoni:** | Adegwati / mhux adegwati | |

## 2. Il-ġestjoni tar-riskju – Anness XIII CPR, il-punt 2

*Din il-parti tal-lista ta' kontroll tapplika għall-awtoritajiet ta' ġestjoni [MA], l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni [CA] kollha u għall-funzjonijiet iddelegati lil korpi intermedji [IB]*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.0. | (1.1., 1.6., 9.1., 9.6.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-ġestjoni tar-riskju hija essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti ta' programmar?<br><br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0) | | |
| | **2. Filwaqt li jiġi kkunsidrat il-prinċipju tal-proporzjonalità, qafas li jiżgura li jsir eżerċizzju xieraq ta' ġestjoni tar-riskju meta jkun meħtieġ, u b'mod partikolari, fil-każ ta' emendi kbar fl-attivitajiet (fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll).** | ***Rekwiżiti Prinċipali 1, 7 u 9*** | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| 2.1. | (1.6., 9.6.) Hemm proċeduri stabbiliti li jiżguraw li l-entità awditjata tagħmel eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju?<br><br>Jekk iva, ikseb kopja tal-proċedura u kopja tal-aħħar valutazzjoni tar-riskju li saret (jekk tkun disponibbli) u ċċekkja dan li ġej:<br><br>- Min jagħmilha?<br><br>- F'liema livelli ssir (fil-livell organizzattiv, fil-livell ta' attivitajiet speċifiċi)?<br><br>- X'tip ta' riskji huma identifikati (interni, esterni…)? | | |
| 2.2. | (1.6., 9.6.) Il-proċedura tipprevedi li l-valutazzjoni tar-riskju ssir fuq bażi regolari u f'każ ta' tibdil sinifikanti fis-sistema? | | |
| 2.3. | Hemm proċedura stabbilita li tiżgura li r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju jiġu tradotti fi pjanijiet ta' azzjoni adegwata?<br><br>Jekk iva, il-proċedura tindirizza b'mod adegwat is-segwitu ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni? (ara min jagħmlu u kif). | | |
| 2.4. | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Meta ssir valutazzjoni tar-riskju, huwa assigurat li ssir ukoll valutazzjoni tar-riskju ta' frodi? (Ara wkoll it-Taqsima 3.A.(vi)). | | |
| | **Konklużjoni:** | Adegwati / mhux adegwati | |

## 3. Attivitajiet ta' Ġestjoni u ta' Kontroll – Anness XIII CPR, il-punt 3

*Din il-parti tal-lista ta' kontroll tapplika għall-awtoritajiet ta' ġestjoni [MA], l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni [CA] kollha u għall-funzjonijiet iddelegati lil korpi intermedji [IB.]*

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *A. L-Awtorità ta' ġestjoni* | | |
| 3.0 | (1.1., 1.5. u 10.2.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll hija essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti ta' programmar?<br><br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0 hawn fuq) | | |
| 3.1. | (1.4., 1.6.) Il-proċeduri msemmija hawn taħt tħejjew bil-miktub biex jintużaw mill-persunal tal-MA u hemm proċedura formali li tikkontrolla t-tibdil, l- | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | introduzzjoni jew l-abbandun tal-proċeduri u l-komunikazzjoni tagħhom lill-persunal?<br>Dawn il-proċeduri huma meqjusa adegwati?<br>Ġiet inkluża referenza għat-taħriġ organizzat/previst dwar dawn il-proċeduri u kull gwida li nħarġet (data/referenza)? | | |
| 3.2. | (1.4., 1.6.) Id-data u r-referenza tal-proċeduri hija indikata? | | |
| 3.3. | (1.4, 1.6) F'każ li ċerti kompiti ġew delegati lil Korpi Intermedji, il-manwal jintuża wkoll mill-Korpi Intermedji? Ġie indikat kif dan se jkun ikkomunikat lilhom u wara, segwit? (Ara wkoll il-punt 1.16) | | |
| | **<u>3.A.(i) Proċeduri rigward l-applikazzjonijiet għall-għoti, l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, l-għażla għall-finanzjament, inklużi struzzjonijiet u gwida li jiżguraw li l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet u r-riżultati speċifiċi tal-assi ta' prijorità rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125(3)(a)(i).</u>** | ***Rekwiżiti Prinċipali 1, 2 u 4*** | |
| 3.4. | (4.3., 1.4.) Hemm proċeduri adegwati fl-istadju tal-għażla għall-evalwazzjoni, l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet (l-Artikolu 125(3) CPR), inkluż biex tkun żgurata l-konformità tal-operazzjonijiet mal-prinċipji ġenerali u l-konformità mal-politiki tal-Unjoni bħal:<br>- dawk relatati mas-sħubiji u mal-governanza f'diversi livelli (trasparenza, trattament ugwali…),<br>- il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,<br>- in-non-diskriminazzjoni,<br>- l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà<br>- l-iżvilupp sostenibbli,<br>- l-akkwist pubbliku,<br>- l-għajnuna mill-Istat,<br>- ir-regoli ambjentali? | | |
| 3.5. | (2.1.) L-Awtorità ta' Ġestjoni żviluppat proċedura tal-għażla li tiżgura li l-kriterji tal-għażla sejrin:<br>a) ikunu non-diskriminatorji u trasparenti<br>b) jiżguraw il-kontribut tal-operazzjonijiet għall-kisba tal-għanijiet u r-riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti,<br>c) jikkunsidraw il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l- | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | irġiel u n-nisa u l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikoli 7 u 8 CPR.<br>d) jiżguraw li l-operazzjonijiet ma jintgħażlux jekk ikunu fiżikament tlestew jew ġew implimentati għal kollox qabel ma l-benefiċjarju applika għall-finanzjament. | | |
| 3.6. | (2.4.) L-Awtorità ta' Ġestjoni żviluppat proċeduri ċari u suffiċjenti rigward l-għażla tal-operazzjonijiet<br>(a) sabiex tassigura li operazzjoni magħżula taqa' fl-ambitu tal-Fond jew tal-Fondi kkonċernati u tista' tkun attribwita lil xi kategorija ta' intervent jew, fil-każ tal-FEMS, miżura identifikata fil-prijorità jew fil-prijoritajiet tal-programm operattiv;<br>(b) sabiex tassigura li l-benefiċjarju jingħata dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ għal kull operazzjoni inklużi r-rekwiżiti speċifiċi li jirrigwardaw il-prodotti jew is-servizzi li għandhom ikunu pprovduti taħt l-operazzjoni, il-pjan ta' finanzjament, u l-limitu ta' żmien għat-twettiq tal-operazzjonijiet;<br>(c) sabiex tassigura li l-benefiċjarju jkollu l-kapaċità amministrattiva, finanzjarja u operattiva biex jissodisfa l-kundizzjonijiet rigward il-provvediment tal-finanzjament;<br>(d) sabiex tassigura li, meta l-operazzjonijiet ikunu bdew qabel is-sottomissjoni jew applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, il-liġi applikabbli għall-operazzjoni tkun ġiet irrispettata;<br>(e) sabiex tiżgura li l-operazzjonijiet magħżula għall-appoġġ mill-Fondi jew mill-FEMS ma jkunux jinkludu attivitajiet li huma parti minn operazzjoni li kienet jew kellha tkun soġġetta għal xi proċedura ta' rkupru wara r-rilokazzjoni tal-attività produttiva barra ż-żona tal-programm;<br>(f) sabiex tiddetermina l-kategoriji ta' intervent jew il-miżuri, fil-każ tal-FEMS, li għalihom għandha tkun attribwita n-nefqa ta' operazzjoni. | | |
| 3.7. | Fil-każ ta' programmi tal-KTE, dawn il-proċeduri jirreferu biċ-ċar u jirrispettaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 12 tar-Regolament 1299/2013 dwar l-għażla tal-operazzjonijiet? | | |
| 3.8. | (2.2.) Sejħiet għall-applikazzjoni: hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li:<br>- is-sejħiet għall-applikazzjonijiet jiġu ppubblikati; | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | - skont il-kundizzjonijiet u l-għanijiet tal-Programm Operattiv, jinkludu deskrizzjoni ċara tal-proċedura tal-għażla użata u tad-drittijiet u l-obbligi tal-benefiċjarji.<br>- ikunu rreklamati kif xieraq, sabiex jilħqu lill-benefiċjarji potenzjali kollha. | | |
| 3.9. | (2.3.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha li jidħlu jiġu rreġistrati?<br>L-applikazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati malli jaslu, evidenza ta' rċevuta tingħata lil kull applikant u jinżammu reġistri tal-istat ta' approvazzjoni ta' kull applikazzjoni. B'mod partikolari, hemm proċedura li tirrigwarda d-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' konflitt ta' interessi li għandhom jimtlew mill-evalwaturi kollha? | | |
| 3.10. | (2.4.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-applikazzjonijiet/il-proġetti kollha jiġu vvalutati skont il-kriterji applikabbli?<br>Il-valutazzjoni għandha tiġi applikata b'mod konsistenti, il-kriterji / għoti ta' punti użati għandhom ikunu konformi ma' dawk approvati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ u msemmija fis-sejħiet, ir-riżultati għandhom ikunu ddokumentati, is-sustanza tal-applikazzjonijiet ivvalutati, il-kapaċitajiet finanzjarji, amministrattivi u operattivi tal-benefiċjarji biex jissodisfaw ir-responsabilitajiet rigward l-għoti ta' finanzjament għandhom ukoll ikunu adegwatament ivvalutati.<br>Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-evalwaturi kollha li jevalwaw l-applikazzjoni/il-proġetti jkollhom l-esperjenza u l-indipendenza meħtieġa? | | |
| 3.11. | (2.5.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li d-deċiżjonijiet li jittieħdu rigward l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjonijiet/proġetti jiġu kkomunikati lill-applikanti?<br>Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn persuna/korp awtorizzat kif xieraq, ir-riżultati nnotifikati bil-miktub u r-raġunijiet għall-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tal-applikazzjonijiet spjegati b'mod ċar. Il-proċedura tal-appelli u d-deċiżjonijiet relatati għandhom ikunu kkomunikati lill-applikanti kollha. | | |
| | **<u>3.A.(ii) Proċeduri għall-verifiki tal-ġestjoni inklużi verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji u verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet.</u>** | ***Rekwiżit Prinċipali 4*** | |
| 3.12. | <u>(4.1., 4.2.) </u>Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | jivverifikaw li, meta l-verifiki tal-ġestjoni jkunu se jsiru:<br>- il-prodotti u s-servizzi kofinanzjati jkunu twasslu u<br>- li n-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji tħallset u<br>- li hija konformi mal-liġi applikabbli (inklużi r-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà), il-programm operattiv u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-operazzjoni;<br>- li tikkonforma mal-Politiki tal-Unjoni:<br>-dawk relatati mas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli (trasparenza, trattament ugwali...),<br>- il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa,<br>- in-non-diskriminazzjoni,<br>- l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà<br>- l-iżvilupp sostenibbli,<br>- l-akkwist pubbliku,<br>- l-għajnuna mill-Istat,<br>- ir-regoli ambjentali?<br>Dawn il-verifiki jikkonsistu fi:<br>(a) verifiki amministrattivi fir-rigward ta' kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji;<br>(b) verifiki fl-post tal-operazzjonijiet li jistgħu jsiru fuq bażi ta' kampjuni.<br>Il-verifiki sejrin ikopru l-aspetti amministrattivi, finanzjarji, tekniċi u fiżiċi tal-operazzjonijiet, kif inhu xieraq?<br>Għall-programmi tal-KTE, intwera b'mod ċar kif il-verifiki tal-ġestjoni sejrin ikunu organizzati skont regoli speċifiċi dwar il-verifiki għall-programmi ta' kooperazzjoni tal-KTE.<br>Il-proċedura tiddeskrivi l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet / tal-korp li se jwettaq dawn il-verifiki? | | |
| 3.13. | (4.1., 4.2.) Il-proċeduri stabbiliti jiżguraw li l-frekwenza u l-kopertura tal-verifiki fil-post sejrin ikunu proporzjonati għal:<br>- l-ammont ta' appoġġ pubbliku lil xi operazzjoni u<br>- il-livell tar-riskju identifikat minn dawn il-verifiki u mill-awditjar mill-awtorità tal-awditjar għas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll globali? | | |
| 3.14. | (4.1., 4.2.) Fejn il-verifiki ta' fuq il-post isiru fuq bażi ta' kampjuni, huwa previst li l-awtorità ta' ġestjoni | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | żżomm rekords li jiddeskrivu u jiġġustifikaw il-metodu ta' kampjunar? | | |
| 3.15. | (4.1., 4.2.) Fil-każ tal-programmi tal-KTE, huwa speċifikat jekk il-verifiki fuq il-post isirux fil-bini tal-benefiċjarju prinċipali biss, jew fil-bini tal-benefiċjarji kollha tal-proġett? | | |
| 3.16. | (4.3.) Hemm proċeduri bil-miktub u listi ta' kontroll komprensivi li jistgħu jintużaw għall-verifiki tal-ġestjoni sabiex tinstab kwalunkwe irregolarità?<br>Il-listi ta' kontroll għandhom jindirizzaw b'mod partikolari verifiki dwar:<br>- l-eżattezza tal-applikazzjoni għal rimbors,<br>- il-perjodu eliġibbli,<br>- il-konformità mal-proġett approvat,<br>- il-konformità mar-rata ta' finanzjament approvata (fejn applikabbli),<br>- il-konformità mar-regoli rilevanti ta' eliġibbiltà u mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, l-ambjent, l-istrumenti finanzjarji, l-iżvilupp sostenibbli, ir-reklamar, ir-rekwiżiti ta' opportunitajiet indaqs u ta' non diskriminazzjoni,<br>- ir-realtà tal-proġett, inkluż il-progress fiżiku tal-prodott/tas-servizz u l-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja u mal-indikaturi tal-prodott u tar-riżultat,<br>- l-infiq iddikjarat u l-eżistenza ta' sekwenza tal-awditjar.<br>- is-sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għal kull tranżazzjoni. | | |
| 3.17. | (4.1., 4.2.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tassigura li l-verifiki amministrattivi li jirrigwardaw in-nefqa f'dikjarazzjoni partikolari jitlestew qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni ta' ħlas *interim*, inkluż eżami kemm tal-applikazzjoni għal-rimbors nfisha kif ukoll tad-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti mehmuża?<br><br>Il-firxa u t-tip ta' dokumentazzjoni ta' sostenn li għandha tintalab mingħand il-benefiċjarji għall-verifika għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju ta' kull tip ta' fajl jew benefiċjarju. | | |
| 3.18. | (4.1., 4.2.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | tiżgura li l-verifiki fuq il-post isiru meta l-proġett ikun ilu li nbeda, kemm f'termini ta' progress fiżiku kif ukoll finanzjarju? | | |
| 3.19. | (4.1, 4.2. u 4.4.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-awtorità ta' ġestjoni se żżomm rekords ta':<br><br>- kull verifika, li tiddikjara x-xogħol li twettaq, id-data u r-riżultati tal-verifika u<br><br>- is-segwitu tas-sejbiet skoperti inklużi l-miżuri meħuda fir-rigward tal-irregolaritajiet skoperti? | | |
| 3.20. | (4.1., 4.2.) Huwa assigurat li fejn il-verifiki fuq il-post ma jkunux eżawrjenti, it-teħid ta' kampjuni tal-operazzjonijiet ikun ibbażat fuq valutazzjoni adegwata tar-riskju u r-rekords jidentifikaw l-operazzjonijiet magħżula, jiddeskrivu l-metodu ta' kampjunar użat u jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-konklużjonijiet tal-verifiki u l-irregolaritajiet misjuba? | | |
| 3.21. | (4.5.) Id-deskrizzjoni tipprevedi kif l-informazzjoni dwar il-verifiki mwettqa inkluża informazzjoni dwar nuqqasijiet u / jew irregolaritajiet (inklużi s-suspetti ta' frodi u frodi stabbilit) misjuba u s-segwitu tagħhom fil-kuntest tal-verifiki ta' ġestjoni, awditjar u kontrolli mill-korpi tal-Unjoni jew dawk Nazzjonali, għandha tintbagħat lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni u lill-awtorità tal-awditjar? | | |
| | **3.A.(iii) Proċeduri għat-trattament tal-applikazzjonijiet għar-rimborż mill-benefiċjarji u l-awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet.** | *Rekwiżit Prinċipali 4* | |
| 3.22. | (4.3.) Il-proċeduri għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rimborż mingħand il-benefiċjarji u l-ħlasijiet lilhom huma deskritti b'mod konformi mal-Artikolu 122(3) tar-Regolament tal-UE 1303/2013?<br><br>B'mod partikolari:<br><br>a) Kull pass tal-proċedura li permezz tagħha l-applikazzjonijiet għar-rimborż jintlaqgħu, jiġu vverifikati u vvalidati, huwa deskritt?<br><br>b) Kull pass tal-proċedura li permezz tagħha l-ħlasijiet lill-benefiċjarji jkunu awtorizzati, imwettqa u ġġustifikati, huwa deskritt?<br><br>c) Il-korp li jwettaq kull pass tal-proċedura huwa indikat (f'każ li mhuwiex il-MA)?<br><br>d) Hija assigurata separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet għall-proċess? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | e) Ġiet ipprovduta dijagramma skematika li tiddeskrivi l-proċessi u tindika lill-korpi kollha involuti?<br>f) Id-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha meħtieġa u rilevanti hija mehmuża?<br>g) Il-proċedura għat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' dawn il-verifiki tal-MA lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni hija deskritta?<br>h) Il-proċedura hija żviluppata bl-għan li tirrispetta l-iskadenza ta' 90 jum għall-ħlasijiet lill-benefiċjarji skont l-Artikolu 132 tar-Regolament tal-UE 1303/2013?<br>i) Is-sitwazzjoni attwali ġiet deskritta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament tal-UE 1303/2013? | | |
| | **3.A.(iv) Proċeduri għal sistema għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna f'forma ta' dejta kompjuterizzata dwar kull operazzjoni, li tinkludi, fejn ikun xieraq, dejta dwar parteċipanti individwali u analiżi tad-dejta dwar l-indikaturi skont is-sess meta jkun meħtieġ, u sabiex ikun żgurat li s-sigurtà tas-sistema hija konformi ma' standards aċċettati fuq livell internazzjonali[10].** | ***Rekwiżiti Prinċipali 5, 6 u 11*** | |
| 3.23. | *Innota li l-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 480/2014 rigward id-dejta li għandha tkun irreġistrata u maħżuna f'forma kompjuterizzata, għandu japplika jew minn Diċembru 2014 jew mill-1 ta' Lulju 2015 fir-rigward tal-informazzjoni dwar dejta rreġistrata u maħżuna msemmija fl-Anness III tas-CDR. Il-valutazzjoni ta' dan il-kriterju ta' ħatra jeħtieġ li ssir abbażi ta' dan il-qafas legali.* | mhux applikabbli | |
| 3.24. | (5.1., 5.2., 6.1.)<br>Hemm sistema adegwata stabbilita li tassigura l-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna, f'forma ta' dejta kompjuterizzata dwar kull operazzjoni, inkluża fejn xieraq, dejta dwar parteċipanti individwali f'operazzjonijiet u analiżi ta' dejta dwar indikaturi skont is-sess meta jkun meħtieġ, meħtieġa għall-monitoraġġ, il-valutazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifika u l-awditjar, kif meħtieġ mill-Artikolu 125(2)(d) CPR u mill-Artikolu 24 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 480/2014? | | |

[10] L-istandard ISO/IEC 27001:2013 u l-istandard ISO/IEC 2007:2013

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Il-korp awditjat għandu sistema kompjuterizzata li kapaċi tipprovdi informazzjoni kredibbli u rilevanti kif meħtieġ fl-Anness III tas-CDR, inkluża dejta relatata mal-indikaturi u t-tragwardi u dwar il-progress tal-Programm Operattiv fil-kisba tal-għanijiet tiegħu pprovduti mill-awtorità ta' ġestjoni skont l-Artikolu 125(2)(a) CPR? | | |
| 3.25 | (5.1., 5.2., 6.1.) Is-sistema tassigura li d-dejta dwar l-indikaturi hija mqassma skont is-sess fejn meħtieġ mill-Annessi I u II tar-Regolament dwar l-FSE, kif meħtieġ mill-Artikolu 125(2)(e) CPR? | | |
| 3.26. | (6.3.) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jassiguraw<br><br>- is-sigurtà[11] u ż-żamma tas-sistema kompjuterizzata, l-integrità tad-dejta, il-kunfidenzjalità tad-dejta, l-awtentikazzjoni ta' min jibgħat u l-ħażna tad-dokumenti u tad-dejta b'mod partikolari skont l-Artikoli 122(3), 125(4)(d), 125(8) u 140 tar-Regolament 1303/2013<br><br>-il-protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali? | | |
| 3.27. | (5.1., 5.2., 6.3.) Hija pprovduta deskrizzjoni li tinkludi dijagramma skematika tas-sistema / sistemi ta' informazzjoni, li turi l-elementi tagħhom u r-rabtiet bejniethom, u jekk humiex parti minn netwerk jew deċentralizzati? | | |
| 3.28. | (5.1., 5.2., 6.3.) Is-sistema intużat fil-perjodu preċedenti ta' programmar. Jekk iva, kienet meqjusa kredibbli (pereżempju ġiet awditjata?) | | |
| 3.29. | (5.1., 5.2., 6.3.) Id-deskrizzjoni tas-sistema tal-IT tittratta b'mod adegwat il-kwistjoni tas-separazzjoni tal-funzjonijiet? | | |
| 3.30. | (5.1., 5.2., 6.3.) Indika jekk is-sistemi humiex diġà operattivi għall-ġbir ta' dejta kredibbli dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-mistoqsijiet 3.24 – 3.25?<br><br>Jekk le,<br><br>a) ivvaluta abbażi tal-ippjanar miksub mill-korpi responsabbli jekk is-sistema hijiex sejra tkun operattiv f'konformità mal-Artikolu 32 tas-CDR. Indika d-data | | |

[11] Waqt li jiġu kkunsidrati l-istandards aċċettati fuq livell internazzjonali: L-istandard ISO/IEC 27001:2013 u l-istandard ISO/IEC 2007:2013

[12] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna għall-mistoqsija 3.87.

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | meta se tkun operattiva, sabiex tassigura l-konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u mal-Artikolu 125(2)(d) CPR.<br>b) l-IAB ingħata r-riżultat tal-ittestjar li diġà sar fuq il-verżjoni attwali tas-sistema tal-IT? Tista' ssir xi konklużjoni jew rakkomandazzjoni f'dan l-istadju tal-iżvilupp tas-sistema tal-IT? (pereż. f'termini ta' segregazzjoni tad-dmirijiet, il-flussi tax-xogħol, il-profili tal-utenti, is-sigurtà[12], eċċ.). | | |
| | **3.A.(v) Proċeduri stabbiliti mill-awtorità ta' ġestjoni sabiex tassigura li l-benefiċjarji jżommu kemm sistema ta' kontijiet separati jew kodiċi ta' kontabilità adegwata għal kull tranżazzjoni relatata ma' operazzjoni.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 3 u 4*** | |
| 3.31. | (3.1., 4.3.h) Il-korp awditjat għandu proċedura sabiex jivverifika jekk il-benefiċjarji jżommux jew sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi ta' kontabilità adegwata għal kull tranżazzjoni relatata mal-assistenza, li tippermetti li jiġu vverifikati:<br>- l-allokazzjoni korretta tan-nefqa li parzjalment tkun relatata mal-operazzjoni kofinanzjata u<br>- ċerti tipi ta' nefqa li huma meqjusa eliġibbli biss f'ċerti limiti jew b'mod proporzjonat ma' spejjeż oħra. | | |
| | **<u>3.A.(vi) Proċedura għall-istabbiliment ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi (l-Artikolu 125.4 c).</u>** | ***Rekwiżit Prinċipali 7*** | |
| 3.32. | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti biex ikun żgurat l-istabbiliment ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li jiġu kkunsidrati r-riskji identifikati?<br>Dawn il-miżuri kontra l-frodi huma strutturati madwar l-erba' elementi prinċipali taċ-ċiklu kontra l-frodi (il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-prosekuzzjoni)?<br>Hemm proċedura għall-monitoraġġ u l-aġġornament tal-miżuri kontra l-frodi? | | |
| 3.33. | 7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Il-proċedura tassigura li jekk il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi turi li hemm riskju (nett) residwali ta' frodi li huwa sinifikanti jew kritiku, li huwa dovut għall-fatt li l-kontrolli eżistenti mhumiex suffiċjenti biex itaffu r-riskji ta' frodi identifikati, l-awtorità ta' ġestjoni għandha turi li stabbilixxiet miżuri addizzjonali kontra l-frodi (u tindika l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom)?<br><br>Hemm miżuri ta' prevenzjoni adegwati u proporzjonati, imfassla għas-sitwazzjonijiet speċifiċi, sabiex itaffu r-riskju residwali ta' frodi għal livell aċċettabbli (bħal dikjarazzjoni tal-missjoni, kodiċi ta' kondotta, it-ton tal-komunikazzjoni mill-ogħla livell, l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, it-taħriġ u l-azzjonijiet li jqajmu l-għarfien, l-analiżijiet tad-dejta u għarfien aġġornat tas-sinjali ta' twissija ta' frodi u l-indikaturi tal-frodi)? | | |
| 3.34 | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi<br><br>- issir għall-ewwel darba fi skadenzi sodisfaċenti u<br><br>- tiġi ripetuta matul il-perjodu ta' programmar, bil-frekwenza tagħha tiddependi fuq il-livelli tar-riskju u l-każijiet attwali ta' frodi?<br><br>Għalkemm mhuwiex rekwiżit, huwa rrakkomandat li l-valutazzjoni tar-riskju ssir qabel il-ħatra tal-awtorità ta' ġestjoni jew mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-ħatra. Dispożizzjonijiet bħal dawn huma previsti? | | |
| 3.35. | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Il-proċedura tiżgura li l-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi tkopri r-riskji speċifiċi ta' frodi b'rabta ma':<br><br>- l-għażla tal-applikanti,<br>- l-implimentazzjoni u l-verifika tal-operazzjonijiet,<br>- iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u tal-ħlasijiet?<br>Ġew identifikati riskji ta' frodi speċifiċi oħrajn mhux koperti mill-għodda tal-Kummissjoni? Jekk iva, liema huma dawn ir-riskji? | | |
| 3.36. | Hemm proċedura stabbilita għall-informaturi (jiġifieri dwar id-dritt li tinforma punt ta' kuntatt estern indipendenti dwar l-irregolaritajiet jew l-imġiba ħażina)?<br><br>Ir-regoli huma adegwati sabiex jipproteġu lill-persunal minn sanzjonijiet interni f'każ ta' rapportar? | | |
| 3.37. | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Il-proċedura relatata mal-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi tiżgura li:<br><br>- it-tim tal-valutazzjoni huwa kompost kif xieraq minn rappreżentanti tad-dipartimenti? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | - hemm evidenza li s-sorsi ta' informazzjoni bħal rapporti tal-awditjar, rapporti ta' frodi u awtovalutazzjonijiet ta' kontroll jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju?<br><br>- il-proċess ta' awtovalutazzjoni huwa ddokumentat b'mod ċar, tant li jippermetti reviżjoni ċara tal-konklużjoni milħuqa?<br><br>-hemm evidenza li s-senior maniġment għandu sorveljanza u / jew involviment adegwati fil-proċess u approva l-livell nett tal-espożizzjoni għar-riskju? | | |
| 3.38. | (7.1., 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., 7.7.) Il-korp awditjat għandu l-ħsieb li juża għodda speċifika ta' estrazzjoni tad-dejta bħal ARACHNE jew xi għodda oħra simili sabiex jidentifika operazzjonijiet li jistgħu jkunu suxxettibbli għar-riskju ta' frodi, kunflitt ta' interess jew irregolarità?<br><br>L-użu ta' għodda ta' estrazzjoni ta' informazzjoni mill-internet mill-awtorità ta' ġestjoni, li tkun ikkunsidrata mill-Kummissjoni bħala prattika tajba għall-miżuri kontra l-frodi, għandu jiġi kkunsidrat meta wieħed jivvaluta l-adegwatezza tal-kontrolli stabbiliti. | | |
| 3.39. | (7.5.) F'każ ta' suspett ta' każ ta' frodi, il-proċedura tiżgura li sejrin jittieħdu miżuri adegwati ta' rapportar, b'mod partikolari rigward il-koordinazzjoni mal-awtorità tal-awditjar, l-awtoritajiet investigattivi tal-Istat Membru, il-Kummissjoni u l-OLAF? | | |
| 3.40 | (7.6. u 7.7.) Hemm proċessi xierqa stabbiliti biex jiġi investigat kull suspett ta' każ ta' frodi u rkupri relatati ta' fondi tal-UE li jkunu ntefqu b'mod frodulenti?<br><br>Hemm proċeduri ta' segwitu għar-reviżjoni ta' kull proċess, proċedura jew kontroll marbut mal-frodi potenzjali jew attwali u li jalimentaw ir-reviżjoni sussegwenti tal-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi? | | |
| | **3.A.(vii) Proċeduri li jiżguraw sekwenza tal-awditjar u sistema ta' arkivjar adegwati.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 4 u 5*** | |
| 3.41. | (4.1, 4.2. u 4.4.) Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-awtorità ta' ġestjoni se żżomm rekords ta':<br><br>- kull verifika, li tiddikjara x-xogħol li twettaq, id-data u r-riżultati tal-verifika u | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | - is-segwitu tas-sejbiet skoperti inklużi l-miżuri meħuda fir-rigward tal-irregolaritajiet skoperti? | | |
| 3.42. | (5.2.) Hemm proċedura stabbilita li tiżgura li jinżamm rekord mill-MA tal-identità u l-post tal-korpi li għandhom id-dokumenti ta' sostenn relatati man-nefqa u l-awditjar? | | |
| 3.43 | (5.3.) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jiżguraw li d-dokumenti kollha meħtieġa biex jiżguraw sekwenza tal-awditjar adegwata jinżammu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 72(g), l-Artikolu 122(3), l-Artikolu 125(4)(d) u l-Artikolu 140 tar-Regolament 1303/2013 u skont ir-regoli nazzjonali tal-konformità tad-dokumenti (l-Artikolu 125(4)(d) tar-Regolament 1303/2013 u l-Artikolu 25 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014?<br>Hemm proċedura adegwata stabbilita li tittratta:<br>- it-tip ta' dokumenti li jridu jiġu arkivjati<br>- il-perjodu li matulu dawn id-dokumenti jridu jiġu arkivjati?<br>- il-format li fih għandhom jinżammu d-dokumenti<br>Jingħataw struzzjonijiet dwar kif id-dokumenti ta' sostenn jinżammu disponibbli mill-benefiċjarji/korpi intermedji / awtorità ta' ġestjoni? Jekk iva indika d-data u r-referenza. | | |
| 3.44. | (4.4., 5.1., 5.2.) Id-deskrizzjoni tas-sekwenza tal-awditjar hija suffiċjenti sabiex turi li hija:<br>a) tippermetti r-rikonċiljazzjoni tal-ammonti aggregati ċċertifikati lill-Kummissjoni mar-rekords tal-kontijiet dettaljati u d-dokumenti ta' sostenn miżmuma mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, l-awtorità ta' ġestjoni, il-korpi intermedji u l-benefiċjarji fir-rigward tal-operazzjonijiet kofinanzjati bil-programm operattiv;<br>b) tippermetti l-verifika tal-ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lill-benefiċjarju;<br>c) tippermetti l-verifika tal-applikazzjoni tal-kriterji ta' għażla stabbiliti mill-kumitat ta' monitoraġġ;<br>d) fiha kif xieraq fir-rigward ta' kull operazzjoni l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-pjan ta' finanzjament, id-dokumenti li jirrigwardaw l-approvazzjoni tal-għotja, id-dokument relatat mal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, ir-rapporti ta' progress u r-rapporti dwar il-verifiki u l-awditjar magħmula. | | |
| 3.45. | (5.1.) Hemm proċedura stabbilita li tiżgura li l- | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-pjan finanzjarju tal-operazzjoni, ir-rapporti dwar il-progress u l-monitoraġġ, id-dokumenti li jirrigwardaw l-applikazzjoni, il-valutazzjoni, l-għażla, l-approvazzjoni tal-għotja u l-proċeduri tas-sejħa għall-offerti u tal-kuntrattar u r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati huma miżmuma f'livell xieraq ta' ġestjoni? | | |
| 3.46. | (5.1.) Hemm proċedura stabbilita li tiżgura li r-rekords tal-awditjar għall-operazzjonijiet jinżammu f'livell xieraq ta' ġestjoni u jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar in-nefqa attwalment sostnuta mill-benefiċjarju f'kull operazzjoni kofinanzjata?<br><br>Is-sistema tal-kontabilità għandha tippermetti li jiġu identifikati kemm il-benefiċjarji kif ukoll il-korpi l-oħrajn involuti flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-ħlas. | | |
| | **<u>3.A.(viii) Proċeduri għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni, ir-rapport dwar il-kontrolli magħmula u d-dgħufijiet identifikati, u s-sommarju annwali tal-awditjar u tal-kontrolli finali.</u>** | ***Rekwiżit Prinċipali 8*** | |
| 3.47. | (8.1., 8.2., 8.3., 8.4.) Il-MA għandha proċeduri adegwati stabbiliti<br><br>-sabiex tfassal id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-assigurazzjoni (l-Artikolu 125(4)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)?<br><br>- sabiex tfassal is-sommarju annwali tar-rapporti u l-kontrolli tal-awditjar finali msemmija fl-Artikolu 59(5)(b) tar-Regolament Finanzjarju, inkluża analiżi tan-natura u l-firxa tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, kif ukoll l-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata (l-Artikolu 125(4)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013)? | | |
| 3.48 | (8.2.) Huwa assigurat li d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni hija bbażata fuq is-sommarju annwali mfassal skont il-mudell stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni? | | |
| 3.49. | (8.4.) Hemm proċeduri li jiżguraw li s-sommarju annwali u d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni kif ukoll id-dokumentazzjoni ta' sostenn u l-informazzjoni kollha rilevanti huma magħmula disponibbli fiż-żmien dovut (skadenzi interni adegwati) għall-awtorità tal-awditjar biex din tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni tagħha? | | |
| 3.50 | (8.3.) Hija prevista dokumentazzjoni adegwata tax-xogħol imwettaq bi tħejjija għas-sommarju annwali u d-dikjarazzjoni ta' ġestjoni: | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | a) biex ikun żgurat li, qabel is-sottomissjoni lill-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni, it-talbiet għall-ħlasijiet jiġu ċċekkjati biex ikun garantit li l-informazzjoni [li għandha tkun inkluża fil-kontijiet] hija ppreżentata kif xieraq, kompluta u korretta?<br>b) biex ikun żgurat li, qabel is-sottomissjoni lill-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni, it-talbiet għall-ħlasijiet jiġu ċċekkjati biex ikun ikkonfermat li dawn jinkludu biss infiq li jintuża għall-finijiet maħsuba tiegħu?<br>c) biex ikun żgurat li s-sistemi ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti? [ara l-mistoqsijiet minn 3.51 sa 3.61 relatati ma' xi punti prinċipali tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll] | | |
| 3.51. | Hemm proċeduri li jiżguraw li se jiġi pprovdut persunal adegwat għall-programm, li jassigura l-funzjonament effettiv tas-sistema? | | |
| 3.52. | Hemm proċeduri li jiżguraw li r-riskji huma ġestiti skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli interni (pereż. manwal tal-Ġestjoni tar-Riskji)? | | |
| 3.53. | Hemm proċeduri li jiżguraw li l-irregolaritajiet jiġu evitati, skoperti, rapportati u li tittieħed azzjoni fil-pront dwarhom? | | |
| 3.54. | Hemm proċeduri li jiżguraw li l-bidliet fis-sistema, l-eċċezzjonijiet għall-proċeduri, id-dgħufijiet tal-kontroll intern jiġu applikati jew rimedjati kif xieraq skont ir-regoli interni? | | |
| 3.55. | Hemm proċeduri li jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-programm tiġi mmonitorjata fuq bażi regolari l-aktar fir-rigward ta':<br>a) l-għażla ta' proġetti (żgħar);<br>b) it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' proġetti kbar;<br>c) is-sejħa għall-offerti u l-għoti tal-kuntratti;<br>d) l-implimentazzjoni tal-proġetti. | | |
| 3.56. | Hemm proċeduri li jikkonfermaw il-kredibbiltà tad-dejta relatata mal-indikaturi, it-tragwardi u l-progress tal-programm? | | |
| 3.57. | Hemm proċeduri li jiżguraw li hemm stabbiliti miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi u li r-riżultati tal-miżuri jiġu kkunsidrati għad-dikjarazzjoni tal-ġestjoni? | | |
| 3.58. | Hemm proċeduri li jiżguraw li r-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni huma rrapportati fis-sommarju annwali? | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.59 | Hemm proċeduri li jiżguraw li r-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni huma kkunsidrati debitament biex tinstab konklużjoni dwar il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' kontroll stabbilita u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti? | | |
| 3.60. | (8.1.) Hemm proċeduri li jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-rapporti tal-awditjar finali maħruġa mill-korpi rilevanti tal-awditjar (fil-livell nazzjonal u Ewropew) huma segwiti u implimentati? | | |
| 3.61. | (8.1) Hemm proċeduri li jiżguraw li tittieħed azzjoni rigward l-oqsma dgħajfa/il-problemi identifikati mill-kontrolli mwettqa? | | |
| | **3.A.(ix) Proċeduri biex ikun żgurat li l-benefiċjarju jingħata dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-appoġġ lil kull operazzjoni.** | *Rekwiżit Prinċipali 3* | |
| 3.62. | (3.1.) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jiżguraw il-komunikazzjoni effettiva lill-benefiċjarji tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom?<br>B'mod partikolari, dawn il-proċeduri jindirizzaw b'mod adegwat:<br>- ir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà stipulati mill-Istat Membru għall-programm,<br>- ir-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar l-eliġibbiltà<br>- il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-prodotti jew is-servizzi li għandhom jitwasslu taħt l-operazzjoni,<br>- il-pjan ta' finanzjament, il-limitu ta' żmien għat-twettiq,<br>- ir-rekwiżiti li jirrigwardaw il-kontabilità separata jew kodiċijiet ta' kontabilità adegwati,<br>- l-informazzjoni li għandha tinżamm u tintbagħat<br>- l-obbligi ta' informazzjoni u ta' reklamar? | | |
| 3.63. | (3.2.) Hemm regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà ċari u mhux ambigwi stipulati għall-programm? | | |
| 3.64. | (3.3.) Hemm strateġija ċara li tiżgura li l-benefiċjarji għandhom aċċess għall-informazzjoni meħtieġa u li jirċievu livell xieraq ta' gwida (fuljetti, kotba, seminars, workshops, siti elettroniċi...). | | |
| | ***B. L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni*** | | |
| 3.65. | (9.1., 9.6. u 10.2.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-CA hija essenzjalment simili għall-perjodu | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | preċedenti ta' programmar?<br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0 hawn fuq) | | |
| 3.66. | (9.4., 9.6.) Il-proċeduri msemmija hawn taħt tħejjew bil-miktub biex jintużaw mill-persunal tas-CA u hemm proċedura formali li tikkontrolla t-tibdil, l-introduzzjoni jew l-abbandun tal-proċeduri u l-komunikazzjoni tagħhom lill-persunal?<br>Dawn il-proċeduri huma meqjusa adegwati?<br>Ġiet inkluża referenza għat-taħriġ organizzat/previst dwar dawn il-proċeduri u kull gwida li nħarġet (data/referenza)? | | |
| 3.67. | (9.4., 9.6.) Id-data u r-referenza tal-proċeduri hija indikata? | | |
| 3.68. | (9.4., 9.6.) F'każ li ċerti kompiti ġew iddelegati lil Korpi Intermedji, il-manwal jintuża wkoll mill-Korpi Intermedji? Ġie indikat kif dan se jkun ikkomunikat lilhom u wara, segwit? (Ara wkoll il-punt 1.16) | | |
| | **<u>3.B.(i) Proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni ta' ħlasijiet *interim* lill-Kummissjoni</u>** | ***Rekwiżiti Prinċipali 9, 10 u 13*** | |
| 3.69. | ***<u>(13.2., 13.3., 10.2.)</u>*** Hemm dijagramma skematika u proċedura adegwata li permezz tagħhom id-dikjarazzjonijiet tal-infiq jiġu mfassla, ivverifikati u ppreżentati lill-Kummissjoni, inkluża proċedura li tiżgura li tintbagħat l-applikazzjoni finali għall-ħlas *interim* sal-31 ta' Lulju ta' wara t-tmiem tas-sena tal-kontabbiltà preċedenti?<br>Turi l-fluss tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq mill-benefiċjarji lis-CA u l-preżentazzjoni lill-KE? | | |
| 3.70. | Hemm deskrizzjoni tal-arranġamenti stabbiliti biex l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tkun tista' taċċessa kull informazzjoni meħtieġa dwar l-operazzjonijiet, biex tkun tista' tfassal u tippreżenta l-applikazzjonijiet għall-ħlas, inklużi r-riżultati tal-verifika ta' ġestjoni u l-awditjar rilevanti kollu; | | |
| 3.71. | ***<u>(9.4., 13.1., 13.2., 13.3., 13.4., 13.5. u 10.2.)</u>*** Hemm deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata li għandha tiġi stabbilita u użata bħala bażi għaċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni?<br>a) Hija sistema ċentralizzata jew deċentralizzata?<br>b) Jekk hija sistema deċentralizzata, huwa deskritt kif | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | id-dejta aggregata tintbagħat lis-CA?<br><br>c) Is-sistema ta' kontabilità u s-sistema tal-informazzjoni huma sistema waħda jew sistemi separati?<br><br>- Jekk huma separati, ġiet deskritta l-konnessjoni bejn iż-żewġ sistemi u kif jiġi żgurat li l-informazzjoni fiż-żewġ sistemi hija l-istess? (link elettronika, rikonċiljazzjoni)<br><br>d) Is-sistema qiegħda taħdem diġà? Jekk le, meta se tibda taħdem?<br><br>e) Is-sistema diġà ntużat fil-perjodu preċedenti jew le? Jekk iva, ġiet awditjata fil-passat u kienet meqjusa kredibbli? | | |
| 3.72. | ***(13.2., 13.3., 10.2.)*** Il-livell tad-dettal tas-sistema ta' kontabilità huwa indikat, inkluż:<br><br>a) Jekk turix in-nefqa totali skont il-Fond u l-prijorità?<br><br>b) Jekk tippermettix it-traċċabbiltà tal-allokazzjoni tal-fondi pubbliċi disponibbli?<br><br>c) Jekk tippermettix l-allokazzjonijiet tal-pagamenti magħmula mill-benefiċjarji għas-sena kkonċernata? | | |
| 3.73. | ***(13.2., 13.3., 10.2.)*** Hija sistema ta' kontabilità separata għall-operazzjonijiet tal-FSIE jew hija wkoll użata għal tranżazzjonijiet ta' Fondi oħrajn?<br><br>- Jekk mhijiex separata, tidentifika t-tranżazzjonijiet tal-FSIE? (pereż. kodiċijiet ta' kontabilità speċifiċi) | | |
| 3.74. | ***(13.2., 13.3., 10.2.)*** Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jiżguraw li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tiċċekkja l-eżattezza tat-talbiet tal-ħlasijiet? | | |
| | **3.B.(ii) Proċeduri għat-tfassil tal-kontijiet u ċ-ċertifikazzjoni li huma veri, kompluti u korretti u li n-nefqa hija konformi mar-regoli nazzjonali u r-regoli tal-Unjoni applikabbli] waqt li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-awditjar kollu.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 9, 11 u 13*** | |
| 3.75. | ***(13.1., 13.4., 13.5.)*** Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jiddeskrivu s-sistema ta' kontabilità li għandha tiġi stabbilita u użata bħala bażi għat-tfassil tal-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet lill-Kummissjoni (l-Artikolu 126(d) CPR)?<br><br>Hemm proċedura stabbilita li tiżgura li rekords | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| | adegwati ta' kontabilità tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji jinżammu f'forma kompjuterizzata? | | |
| 3.76. | ***(9.4., 11.1, 13.1., 13.4., 13.5.)*** Hemm arranġamenti adegwati biex id-dejta aggregata tintbagħat lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni f'każ ta' sistema deċentralizzata? | | |
| 3.77. | ***(13.1., 13.4., 13.5.)*** Hemm relazzjoni ċara bejn is-sistema ta' kontabilità u s-sistema ta' informazzjoni? | | |
| 3.78. | ***(13.1., 13.4., 13.5.)*** F'każ ta' sistema komuni ma' Fondi oħrajn, is-sistema tippermetti l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-FSIE? | | |
| 3.79. | ***(13.1., 13.4. 13.5.)*** Hemm proċeduri adegwati stabbiliti għat-tfassil f'waqtu tal-kontijiet u r-rapportar tagħhom lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 126(b) CPR u 137(b))?<br><br>Għandu jkun hemm arranġamenti ċari għaċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u li n-nefqa mdaħħla fil-kontijiet tikkonforma mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali (l-Artikolu 126(c) CPR) u tikkunsidra r-riżultati tal-verifiki u l-awditjar kollu. | | |
| 3.80. | ***(13.1., 13.4., 13.5.)*** Kif inhu assigurat li t-tfassil tal-kontijiet jikkunsidra r-riżultati tal-awditjar kollu? | | |
| | **3. B. (iii) Proċeduri għall-iżgurar ta' sekwenza adegwata tal-awditjar biż-żamma ta' rekords tal-kontijiet inklużi l-ammonti rekuperabbli, rkuprati u rtirati minn kull operazzjoni f'forma kompjuterizzata.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 11 u 12*** | |
| 3.81. | **(11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** Hemm sistema li tiżgura l-irkupru tal-għajnuna mill-Unjoni?<br><br>Hija deskritta?<br><br>Hemm proċedura stabbilita, li tiddeskrivi s-sistema għall-iżgurar tal-irkupru fil-pront tal-għajnuna pubblika, inkluża l-għajnuna tal-Unjoni? | | |
| 3.82. | **(11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** Hemm proċeduri adegwati għall-iżgurar ta' sekwenza adegwata tal-awditjar billi jinżammu rekords tal-kontabilità f'forma kompjuterizzata, inklużi l-ammonti rkuprati, li | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | għandhom ikunu rkuprati, irtirati minn applikazzjoni għall-ħlasijiet, ammonti mhux rekuperabbli u ammonti relatati mal-operazzjonijiet sospiżi minn proċeduri legali jew permezz ta' appell amministrattiv li għandu effett ta' sospensjoni, għal kull operazzjoni, inklużi l-irkupri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 71 CPR dwar id-durabbiltà tal-operazzjonijiet.<br>Is-sistema hija diġà operattiva u hemm rekord kredibbli tad-dejta msemmija hawn fuq? | | |
| 3.83. | **11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** Isiru arranġamenti adegwati għat-tnaqqis ta' ammonti rkuprati jew ammonti li għandhom jiġu rtirati min-nefqa li trid tiġi ddikjarata? | | |
| 3.84. | **(12.1., 12.2.)** Hemm proċedura adegwata stabbilita li tiżgura li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni żżomm kont ta'<br>- l-ammonti rekuperabbli u<br>- l-ammonti rtirati wara l-kanċellazzjoni ta' parti mill-kontribuzzjoni jew tal-kontribuzzjoni kollha għal xi operazzjoni?<br>kif stabbilit mill-Artikolu 126(h) CPR.<br>Il-proċedura tiddikjara b'mod ċar li l-ammonti rkuprati sejrin jitħallsu lura qabel l-għeluq tal-programm operattiv bit-tnaqqis tagħhom mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li jmiss? | | |
| 3.85. | **(11.1., 11.2., 11.3.)** Is-sekwenza tal-awditjar fi ħdan l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tippermetti r-rikonċiljazzjoni tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-infiq riċevuti mill-awtorità ta' ġestjoni/korpi intermedji MA / IBs? | | |
| 3.86. | **(11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** Is-CA għandha:<br>- sistemi kompjuterizzati kapaċi li jipprovdu informazzjoni kredibbli u rilevanti?<br>- proċeduri li jiżguraw iż-żamma tas-sistema, il-protezzjoni tad-dejta u l-integrità tad-dejta? | | |
| 3.87 | **(11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** Il-proċedura tiżgura li s-sigurtà tas-sistema tal-IT hija assigurata, u tieħu kont ta' standards aċċettati fuq livell internazzjonali[13]? | | |

13 Minbarra l-qafas COBIT (Control Objectives for Information and related Technology), standards aċċettati internazzjonalment għas-sigurtà tal-informazzjoni jinkludu u mhumiex biss limitati għall-istandard ISO/IEC 27001 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - Sistemi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni – Rekwiżiti") u l-istandard ISO/IEC 27002 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - Kodiċi tal-prattika għall-kontrolli tas-sigurtà tal-informazzjoni"), maħruġ l-aħħar mill-ġdid fl-2013. L-IAB jista' jikkunsidra wkoll kull standard nazzjonali relatat.

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.88. | **(11.1., 11.2., 11.3., 12.1., 12.2.)** L-arranġamenti meħtieġa deskritti sabiex:<br>a) Jinżamm reġistru tad-debitur?<br>b) Jitnaqqsu l-ammonti rkuprati jew l-ammonti li għandhom jiġu rtirati min-nefqa li għandha tiġi ddikjarata? | | |
| | **3.B.(iv) Proċeduri, fejn xieraq, li jiżguraw li jirċievi informazzjoni adegwata mingħand l-awtorità ta' ġestjoni dwar il-verifiki mwettqa, u r-riżultati tal-awditjar imwettaq mill-awtorità tal-awditjar jew taħt ir-responsabbiltà tagħha** | ***Rekwiżiti Prinċipali 4, 9 u 10*** | |
| 3.89. | (4.5., 9.4., 10.1. a) u b)) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jispeċifikaw l-informazzjoni li teħtieġ is-CA dwar il-proċeduri mħaddma mill-awtorità ta' ġestjoni u mill-korpi intermedji għall-verifika tan-nefqa?<br>Is-CA stabbilixxiet proċeduri miftiehma mal-awtorità ta' ġestjoni sabiex tiżgura li tirċiviha fuq bażi regolari u f'waqtha? | | |
| 3.90. | (4.5., 9.4., 10.1. c)) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti għar-reviżjoni tar-rapporti mfassla mill-awtorità ta' ġestjoni jew il-korpi intermedji dwar il-progress tal-implimentazzjoni, inkluża reviżjoni tal-verifiki mwettqa skont l-Artikolu 125 (5) CPR (ir-reviżjonijiet kollha għandhom ikunu ddokumentati)? | | |
| 3.91. | (4.5., 9.4., 10.1. d)) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti, fejn xieraq, li jiżguraw li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tirċievi informazzjoni adegwata mingħand l-awtorità ta' ġestjoni dwar il-verifiki mwettqa, u r-riżultati tal-awditjar imwettaq mill-awtorità tal-awditjar jew taħt ir-responsabbiltà tagħha? | | |
| 3.92. | (4.5., 9.4., 10.1. e)) Hemm proċeduri adegwati stabbiliti li jiżguraw li r-riżultati ta' dawn l-eżamijiet jiġu kkunsidrati kif xieraq biex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk hemmx bażi suffiċjenti għaċ-ċertifikazzjoni li n-nefqa li qiegħda tiġi ċċertifikata hija legali u regolari? | | |
| | **Konklużjoni:** | Adegwati / mhux adegwati | |

## 4. Monitoraġġ – Anness XIII CPR, il-punt 4

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| | **4.A.** ***Awtorità ta' Ġestjoni*** | | |
| 4.0. | (1.1., 1.5. u 10.2.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-MA hija essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti ta' programmar?<br><br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0). | | |
| 4.1. | Ġiet deskritta proċedura tal-MA, fejn applikabbli, b'rabta mal-ambitu, ir-regoli u l-proċeduri li jirrigwardaw l-arranġamenti effettivi stipulati mill-Istat Membru għall-eżami tal-ilmenti li jirrigwardaw il-Fondi tal-FSIE, fil-kuntest tal-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013? | | |
| | **4.A.(i) Proċeduri li jappoġġaw ix-xogħol tal-kumitat ta' monitoraġġ** | ***Rekwiżit Prinċipali 6*** | |
| 4.2. | (6.1., 6.2.) Il-MA għandha proċeduri adegwati li jappoġġaw ix-xogħol tal-Kumitat ta' Monitoraġġ? Dawn il-proċeduri ġew ikkomunikati b'mod adegwat lill-persunal kollu kkonċernat? | | |
| 4.3. | (6.1., 6.2.) Hemm proċeduri li jiżguraw li tittieħed azzjoni rigward l-oqsma ta' dgħufijiet / problemi identifikati mill-Kumitat ta' Monitoraġġ? | | |
| 4.4. | (6.1., 6.2.) Il-MA għandha proċedura adegwata biex twettaq rapportar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-proġett imqabbla mal-pjan ta' implimentazzjoni u dwar il-valutazzjonijiet skont l-Artikolu 56 u 57 tar-Regolament 1303/2013? | | |
| | **4.A.(ii) Proċeduri għat-tfassil u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' rapporti annwali u rapporti dwar l-implimentazzjoni.** | ***Rekwiżit Prinċipali 6*** | |
| 4.5. | (6.1., 6.2.) Il-MA għandha proċeduri adegwati stabbiliti sabiex tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni rapporti annwali u rapporti ta' implimentazzjoni finali? Dawn il-proċeduri ġew ikkomunikati b'mod adegwat lill-persunal kollu kkonċernat? | | |
| 4.6. | (6.1., 6.2.) Il-proċedura tinkludi proċeduri għall-ġbir u r-rapportar ta' dejta kredibbli dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni (l-Artikolu 125(2)(a) CPR) | | |
| | **4.B.** ***L-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni*** | | |

| N° | Mistoqsija | I/L/n.a. | Referenza tal-fajl, osservazzjoni, kummenti, fatti |
|---|---|---|---|
| 4.7. | (9.1., 9.5. u 10.2.) Parti mis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll marbuta mal-attivitajiet ta' monitoraġġ tas-CA hija essenzjalment simili għall-perjodu preċedenti ta' programmar?<br><br>Jekk iva, semmi liema parti u ġġustifika kif wasalt għal din il-konklużjoni. (Ara l-punt 1.0). | | |
| 4.8. | Ġiet deskritta proċedura li tkopri l-ambitu, ir-regoli u l-proċeduri li jirrigwardaw l-arranġamenti effettivi stabbiliti mill-Istat Membru għall-investigazzjoni ta' lmenti li jirrigwardaw lill-FSIE, fil-kuntest tal-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013? | | |
| | **4.B. Proċeduri dwar l-issodisfar tar-responsabbiltajiet tagħha għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni u r-riżultati tal-awditjar imwettaq mill-awtorità tal-awditjar jew taħt ir-responsabbiltà tagħha qabel ma jitressqu l-applikazzjonijiet għall-ħlasijiet lill-Kummissjoni.** | ***Rekwiżiti Prinċipali 4 u 10*** | |
| 4.9. | (10.1., 4.5.) Is-CA għandha proċeduri adegwati biex timmonitorja, qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-ħlasijiet lill-Kummissjoni:<br><br>a) ir-riżultati tal-verifiki ta' ġestjoni u<br><br>b) ir-riżultati tal-awditjar imwettaq mill-awtorità tal-awditjar jew taħt ir-responsabbiltà tagħha | | |
| 4.10. | (10.1., 4.5.) Dawn il-proċeduri ġew ikkomunikati b'mod adegwat lill-persunal kollu kkonċernat? | | |
| | **Konklużjoni:** | Adegwati / mhux adegwati | |

## 5. Riżultat tal-valutazzjoni tal-IAB

*Gwida*

L-awtorità ta' ġestjoni u l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandhom jippruvaw isolvu kull kwistjoni pendenti sabiex il-korp tal-awditjar indipendenti ikun jista' jipprovdi opinjoni mhux kwalifikata. Il-korp tal-awditjar indipendenti jkun irid jeżerċita l-ġudizzju professjonali tiegħu sabiex jivvaluta r-riżultati u s-serjetà ta' kull nuqqas identifikat sabiex jipprovdi opinjoni tal-awditjar adattata. Il-gwida li ġejja tista' tiġi kkunsidrata:

- In-nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra b'rabta mar-rekwiżiti prinċipali tas-sistema għandu jwassal jew għal opinjoni kwalifikata jew opinjoni avversa.
- F'każ ta' konformità parzjali ma' xi wieħed jew aktar mill-kriterji tal-ħatra relatati ma' rekwiżiti prinċipali tas-sistema, is-serjetà u l-firxa ta' dawn in-nuqqasijiet għandha tkun ivvalutata mill-korp tal-awditjar indipendenti, li jiddeċiedi jekk għandhiex tiġi fformulata opinjoni kwalifikata jew avversa.

  Opinjoni avversa għandha tinħareġ meta l-korp tal-awditjar indipendenti jikkunsidra li n-numru u s-serjetà tan-nuqqasijiet rigward ir-rekwiżiti prinċipali tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità wiesgħa mar-rekwiżiti tas-CPR u b'mod partikolari mal-Artikoli 72, 125 u 126.

F'konformità ma' standards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment, il-korp tal-awditjar indipendenti jista' jinkludi paragrafu ta' osservazzjonijiet fl-opinjoni tal-awditjar tiegħu, mingħajr ma jikkwalifika l-opinjoni tiegħu.

Meta l-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti dwar l-awtorità ta' ġestjoni u / jew l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tkun:

- Avversa jew kwalifikata, l-Istat Membru mgħandux jaħtar lil dak il-korp.
- Mhux kwalifikata, l-Istat Membru għandu jaħtar lill-korp(i).

*Sistema ta' kontabilità u ta' informazzjoni kompjuterizzata*

L-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 480/2014, rigward id-dejta rreġistrata u maħżuna f'forma kompjuterizzata, għandu japplika jew mill-1 ta' Diċembru 2014 jew mill-1 ta' Lulju 2015 fir-rigward tal-informazzjoni fuq id-dejta rreġistrata u maħżuna msemmija fl-Anness III tas-CDR. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti, jekk inħarġet qabel l-1 ta' Diċembru 2014, tista' ma tkunx kwalifikata anki jekk is-sistema kompjuterizzata ta' kontijiet u ta' informazzjoni ma tkunx stabbilita għal kollox fiż-żmien meta tinħareġ l-opinjoni tal-awditjar dwar il-ħatra. Madankollu, f'dan il-każ, għandu jiġi inkluż paragrafu ta' osservazzjonijiet fl-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti. L-organizzazzjoni tas-sistema tal-IT għandha tkun segwita mill-korp responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħatra.

*Tabella sommarja tal-IAB*

Is-sejbiet identifikati f'din il-lista ta' kontroll għandhom jinġabru fil-qosor fit-tabella li ġejja u jservu bħala sors ewlieni ta' informazzjoni għall-IAB meta joħroġ l-opinjoni tiegħu dwar kull korp. Din it-tabella hija parti mir-rapport tal-IAB.

| CCI jew sistema (grupp ta' CCIs) | Awtorità Kkonċernata (Awtorità tal-Ġestjoni / ta' Ċertifikazzjoni) | Kompletezza u eżattezza tad-deskrizzjoni (Y/N) | Konklużjoni (mhux kwalifikata, kwalifikata, avversa) | Il-kriterji tal-ħatra affettwati | Taqsima tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u l-proċeduri affettwati | Nuqqasijiet | Il-prijoritajiet affettwati | Rakkomandazzjonijiet / Miżuri korrettivi | Żmien miftiehem ma' awtorità kkonċernata għall-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CCI x | Awtorità ta' ġestjoni | | | | | | | | |
| | Awtorità taċ-ċertifikazzjoni | | | | | | | | |
| Sistema y | Awtorità ta' ġestjoni | | | | | | | | |
| | Awtorità taċ-ċertifikazzjoni | | | | | | | | |

- ***Appendiċi 1 sal-Anness 3 – Silta mill-Artikolu 125 CPR – Il-funzjonijiet tal-Awtorità ta' Ġestjoni***

*Is-silta li ġejja mill-Artikolu 125 CPR hija rilevanti għall-punt 3. ta' din il-lista ta' kontroll, "Attivitajiet ta' Ġestjoni u ta' Kontroll" – Anness XIII. a) għar-Regolament tas-CPR, il-punt 3.*

"1. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm operattiv skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

2. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-programm operattiv, l-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) tappoġġa l-ħidma tal-kumitat tal-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 41 u tipprovdih bl-informazzjoni li jeħtieġ sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, b'mod partikolari dejta relatata mal-progress tal-programm operattiv fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu, dejta finanzjarja u dejta relatata ma' indikaturi u għanijiet;

(b) tfassal u, wara approvazzjoni mill-kumitat tal-monitoraġġ, tissottometti lill-Kummissjoni rapporti ta' implimentazzjoni annwali u finali msemmija fl-Artikolu 50;

(c) tagħmel disponibbli lill-korpi intermedji u lill-benefiċjarji informazzjoni li hija rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet rispettivament;

(d) tistabbilixxi sistema sabiex tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-verifika, inkluża dejta dwar parteċipanti individwali fl-operazzjonijiet fejn applikabbli;

(e) tiżgura li d-dejta msemmija fil-punt (d) tinġabar, tiġi rreġistrata u maħżuna fis-sistema, u li d-dejta fuq l-indikaturi titqassam skont is-sess fejn meħtieġ mill-Anness I tar-Regolament FSE.

3. Fir-rigward tal-għażla tal-operazzjonijiet, l-awtorità ta' ġestjoni għandha:

(a) tfassal u, ladarba approvati, tapplika proċeduri u kriterji xierqa ta' għażla li:

(i) jiżguraw il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet għall-kisba ta' objettivi u riżultati speċifiċi tal-prijorità rilevanti;

(i) huma non-diskriminatorji u trasparenti;

(ii) iqisu l-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8;

(b) tiżgura li l-operazzjoni magħżula taqa' fl-ambitu tal-Fond jew il-Fondi kkonċernati u tista' tkun attribwita għal kategorija ta' intervent jew, fil-każ tal-FEMS, miżura identifikata fil-prijorità jew fil-prijoritajiet tal-programm operattiv;

(c) tiżgura li l-benefiċjarju jiġi pprovdut b'dokument li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għas-sostenn għal kull operazzjoni inklużi r-rekwiżiti speċifiċi li jikkonċernaw il-prodotti jew is-servizzi li jridu jitwasslu taħt l-operazzjoni, il-pjan finanzjarju, u l-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni;

(d) tkun sodisfatta li l-benefiċjarju għandu l-kapaċità amministrattiva, finanzjarja u operattiva sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) qabel l-approvazzjoni tal-operazzjoni;

(e) tkun sodisfatta li, fejn l-operazzjoni tkun bdiet qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, il-liġi applikabbli rilevanti għall-operazzjoni tkun ġiet osservata;

(f) tiżgura ruħha li l-operazzjonijiet magħżula għal sostenn mill-Fondi jew l-FEMS ma jinkludux attivitajiet li kienu parti minn operazzjoni li kienet jew kellha tkun soġġetta għal proċedura ta' rkupru skont l-Artikolu 71 wara r-rilokazzjoni ta' attività produttiva barra mill-qasam tal-programm;

(g) tiddetermina l-kategoriji ta’ intervent jew, fil-każ tal-FEMS, il-miżuri li għalihom għandha tiġi attribwita n-nefqa ta’ operazzjoni.

4. Fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju tal-programm, l-awtorità ta’ ġestjoni għandha:

(a) tivverifika li l-prodotti u s-servizzi kofinanzjati jkunu twasslu u li n-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji tkun tħallset u li tikkonforma mal-liġi applikabbli, il-programm operattiv u l-kundizzjonijiet għas-sostenn tal-operazzjoni;

(b) tiżgura li l-benefiċjarji involuti fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet rimborsati abbażi tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba jżommu jew sistema ta' awditjar separata jew kodiċi ta' awditjar xieraq għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni;

(c) tistabbilixxi miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi filwaqt li tqis ir-riskji identifikati;

(d) tistabbilixxi proċeduri sabiex jiġi żgurat li d-dokumenti kollha dwar in-nefqa u l-verifiki meħtieġa għal sekwenza xierqa tal-awditjar jinżammu skont ir-rekwiżiti tal-punt (g) tal-Artikolu 72(g);

(e) tfassal id-dikjarazzjoni ta’ ġestjoni u s-sommarju annwali msemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 59(5) tar-Regolament Finanzjarju.

Permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, ir-Regolament KTE jista' jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar verifiki għall-programmi ta' kooperazzjoni.

5. Verifiki skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 għandhom jinkludu l-proċeduri li ġejjin:

(a) verifiki amministrattivi fir-rigward ta’ kull applikazzjoni għar-rimborż mill-benefiċjarji;
(b) verifiki fuq il-post tal-operazzjonijiet.

Il-frekwenza u l-kopertura tal-verifiki fuq il-post għandu jkun proporzjonat għall-ammont ta’ sostenn pubbliku għal operazzjoni u għal-livell ta’ riskju identifikat minn tali verifiki u mill-verifiki mill-awtorità tal-awditjar tal-kontijiet għas-sistema kollha kemm hi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll.

6. Verifiki fuq il-post ta’ operazzjonijiet individwali skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (5) jistgħu jsiru abbażi ta’ kampjun.

7. Fejn l-awtorità ta’ ġestjoni hija wkoll benefiċjarju bil-programm operattiv, arranġamenti għall-verifiki msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu tal-ewwel subparagrafu 4 għandhom jiżguraw is-separazzjoni adegwata tal-funzjonijiet.

(…)"

- ***Appendiċi 2 għall-Anness 3 – Silta mill-Artikolu 126 CPR – Il-funzjonijiet tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni***

*Is-silta li ġejja mill-Artikolu 126 CPR hija rilevanti għall-punt 3. ta' din il-lista ta' kontroll, "Attivitajiet ta' Ġestjoni u ta' Kontroll" – Anness XIII. għar-Regolament tas-CPR, il-punt 3.*

"L-awtorità ta' ċertifikazzjoni ta' programm operattiv għandha b'mod partikolari tkun responsabbli sabiex:

(a) tfassal u tissottometti lill-Kummissjoni applikazzjonijiet ta' pagament u tiċċertifika li jirriżultaw minn sistemi ta' kontabilità kredibbli, huma bbażati fuq dokumenti ta' sostenn verifikabbli u ġew soġġetti għal verifiki mill-awtorità ta' ġestjoni;

(b) tfassal il-kontijiet imsemmijin fl-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju;

(c) tiċċertifika l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u li n-nefqa rreġistrata fil-kontijiet tikkonforma mal-liġi applikabbli u tkun tħallset fir-rigward ta' operazzjonijiet magħżula għall-finanzjament f'konformità mal-kriterji applikabbli għall-programm operattiv u li tikkonforma mal-liġi applikabbli;

(d) tiżgura li jkun hemm sistema li tirreġistra u taħżen, f'forma kompjuterizzata, rekords ta' awditjar għal kull operazzjoni, u li ssostni d-dejta kollha meħtieġa għat-tfassil ta' applikazzjonijiet ta' pagament u kontijiet, inklużi rekords ta' ammonti li jistgħu jiġu rkuprati, ammonti rkuprati u ammonti rtirati wara kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni kollha jew parti minnha għal operazzjoni jew programm operattiv;

(e) tiżgura għall-finijiet tat-tfassil u s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tal-pagament li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità ta' ġestjoni dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward tan-nefqa;

(f) tqis, meta tfassal u tissottometti l-applikazzjonijiet ta' pagament tar-riżultati tal-verifiki kollha mwettqa minn jew taħt ir-responsabilità tal-awtorità tal-awditjar;

(g) iżżomm, f'forma kompjuterizzata, rekords ta' kontabilità, tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni u tal-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji;

(h) iżżomm kont tal-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati u ta' ammonti miġbuda wara kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni kollha jew parti mill-kontribuzzjoni għal operazzjoni. L-ammonti rkuprati għandhom jitħallsu lura lill-baġit ġenerali tal-Unjoni qabel l-għeluq tal-programm operattiv billi jitnaqqsu mid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkun imiss."

## ANNESS 4: TABELLA LI TORBOT IL-KRITERJI TAL-ĦATRA MAR-REKWIŻITI PRINĊIPALI RELATATI

| *Il-Korp* | *KR/AC(*)* | *Kriterji tal-ħatra relatati (Anness XIII CPR)* |
|---|---|---|
| **MA** | **KR1** | |
| MA | 1.1 | 1. (i) / 1. (ii) |
| MA | 1.2 | 1. (iv) |
| MA | 1.3 | 1. (i) |
| MA | 1.4 | 1. (ii) / 3. A. |
| MA | 1.5 | 1. (ii) |
| MA | 1.6 | |
| **MA** | **KR 2** | |
| MA | 2.1 | 3 . A (i) |
| MA | 2.2 | 3 . A (i) |
| MA | 2.3 | 3 . A (i) |
| MA | 2.4 | 3 . A (i) |
| MA | 2.5 | 3 . A (i) |
| **MA** | **KR 3** | |
| MA | 3.1 | 3.A.(v) / 3.A.(ix) |
| MA | 3.2 | 3.A.(ix) |
| MA | 3.3 | 3.A.(ix) |
| **MA** | **KR 4** | |
| MA | 4.1 | 3. A. (ii) u (iii) |
| MA | 4.2 | 3. A. (ii) |
| MA | 4.3 | 3. A. (i) / 3.A.(ii) / 3. A. (iii) / 3.A.(v) |
| MA | 4.4 | 3.A.(ii) / 3. A. (vii) |
| MA | 4.5 | 3.A.(ii) / 3. B. (iv) / 4.B. |
| **MA** | **KR 5** | |
| MA | 5.1 | 3.A.(iv) / 3.A.(vii) |
| MA | 5.2 | 3.A.(iv) / 3.A(vii) |
| MA | 5.3 | 3.A (vii) |
| **MA** | **KR 6** | |
| MA | 6.1 | 3.A (iv) u 4. A (i) / u (ii) |
| MA | 6.2 | 3.A (iv) u (vii) u 4. A (i) / u (ii) |
| MA | 6.3 | 3.A (iv) |
| **MA** | **KR 7** | |
| MA | 7.1 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.2 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.3 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.4 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.5 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.6 | 3. A. (vi) |
| MA | 7.7 | 3. A. (vi) |

| *Il-Korp* | *KR/AC(*)* | *Kriterji tal-ħatra relatati (Anness XIII CPR)* |
|---|---|---|
| **MA** | **KR 8** | |
| MA | 8.1 | 3. A (viii) |
| MA | 8.2 | 3. A (viii) |
| MA | 8.3 | 3. A (viii) |
| MA | 8.4 | 3. A (viii) |
| **CA** | **KR 9** | |
| CA | 9.1 | 1. (i) / 1. (ii) |
| CA | 9.2 | 1. (iv) |
| CA | 9.3 | 1. (i) |
| CA | 9.4 | 1. (ii) / 3. B. |
| CA | 9.5 | 1.(ii) |
| CA | 9.6 | |
| **CA** | **KR 10** | |
| CA | 10.1 | 3.B.(iv) / 4.B. |
| CA | 10.2 | 1. (ii) / 3 / B. (i) |
| **CA** | **KR 11** | |
| CA | 11.1 | 3.B. (iii) |
| CA | 11.2 | 3.B. (iii) |
| CA | 11.3 | 3.B. (iii) |
| **CA** | **KR 12** | |
| | 12.1. | 3.B. (iii) |
| | 12.2 | 3.B. (iii) |
| **CA** | **KR 13** | |
| CA | 13.1 | 3.B. (ii) |
| CA | 13.2 | 3.B. (i) / 3.B.(ii) |
| CA | 13.3 | 3.B. (ii) |
| CA | 13.4 | 3.B. (ii) |
| CA | 13.5 | 3.B. (ii) |
| **AA** | **KR 14** | mhux applikabbli |
| **AA** | **KR 15** | mhux applikabbli |
| **AA** | **KR 16** | mhux applikabbli |
| **AA** | **KR 17** | mhux applikabbli |
| **AA** | **KR 18** | mhux applikabbli |

(*) AC = Kriterji tal-Valutazzjoni

**ANNESS 5: TABELLA LI TORBOT ID-DESKRIZZJONI TAL-MUDELL (ANNESS III CIR) MAL-KRITERJI TAL-ĦATRA U L-MISTOQSIJIET RILEVANTI FIL-LISTA TA' KONTROLL (ANNESS 3)**

| Deskrizzjoni tal-mudell<br>(Anness III CIR) | Kriterji għall-ħatra<br>(Anness XIII CPR) | L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida |
|---|---|---|
| **1. ĠENERALI** | **-** | |
| **1.1. Informazzjoni mogħtija minn:** | **-** | **0.1** |
| • L-Isem tal-Istat Membru | | **0.2** |
| • Titolu tal-programm u CCI (il-programmi kollha operattivi koperti mill-MA / mis-CA), f'każ ta' MCS komuni | | **0.2.** |
| • Isem tal-punt ta' kuntatt ewlieni, inkluż l-indirizz elettroniku (il-korp responsabbli għad-deskrizzjoni) | | **0.2** |
| **1.2. L-informazzjoni mogħtija tiddeskrivi s-sitwazzjoni fi:** (jj/xx/ss) | **-** | **0.2** |
| **1.3. Struttura tas-sistema** (informazzjoni ġenerali u flowchart li turi r-relazzjoni organizzattiva bejn l-awtoritajiet / il-korpi involuti fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll | 1. (i), 1 (ii) | **1.2** |
| 1.3.1. L-awtorità ta' ġestjoni (l-isem, l-indirizz u l-punt ta' kuntatt fl-awtorità ta' ġestjoni):<br><br>Indika jekk l-awtorità tal-ġestjoni hijiex maħtura wkoll bħala l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 123(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | 1. (i) | **0.2** |
| 1.3.2. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni (L-isem, l-indirizz u l-punt ta' kuntatt fl-awtorità ta' ċertifikazzjoni) | 1. (i) | **0.2** |
| 1.3.3. Il-korpi intermedji (L-isem, l-indirizz u l-punti ta' kuntatt fil-korpi intermedji). | 1. (i), 1. (ii) | **0.2** |
| 1.3.4. Meta japplika l-Artikolu 123(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, indika kif il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet bejn l-awtorità tal-awditjar u l-awtoritajiet tal-ġestjoni / ta' ċertifikazzjoni huwa żgurat. | 1. (i) | **0.2** |
| **2. L-AWTORITA' TA' ĠESTJONI** | | |

| **Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR)** | **Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR)** | **L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida** |
|---|---|---|
| **2.1. L-awtorità ta' ġestjoni u l-funzjonijiet ewlenin tagħha** | | |
| 2.1.1. L-istatus tal-awtorità tal-ġestjoni (korp pubbliku nazzjonali, reġjonali jew lokali jew korp privat) u l-korp li tagħmel parti minnu[14]. | | **0.2** |
| 2.1.2. Speċifikazzjoni tal-funzjonijiet u tal-kompiti mwettqa direttament mill-awtorità ta' ġestjoni.<br><br>Fejn l-awtorità tal-ġestjoni twettaq ukoll b'mod addizzjonali l-funzjonijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, deskrizzjoni ta' kif inhi żgurata s-separazzjoni tal-funzjonijiet. | 1. (i), | **1.1, 1.5, 1.7, 3.29, 3.22** |
| 2.1.3. Funzjonijiet formalment iddelegati mill-awtorità tal-ġestjoni, l-identifikazzjoni tal-korpi intermedji u l-forma ta' delega (li abbażi tagħha l-awtoritajiet tal-ġestjoni jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa tal-funzjonijiet iddelegati), skont l-Artikolu 123(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Referenza għad-dokumenti rilevanti (atti legali b'awtorizzazzjonijiet, ftehimiet). Fejn applikabbli, l-ispeċifikazzjonijiet tal-funzjonijiet tal-kontrolluri previsti fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, għal programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea. | **1(i), 1(ii)** | **1.1, 1.9, 1.12, 1.13, 1.15, 3.3, 3.68** |
| 2.1.4 Deskrizzjoni tal-proċeduri sabiex ikunu żgurati miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi waqt li jitqiesu r-riskji identifikati, inkluża referenza għall-valutazzjoni tar-riskju mwettqa (l-Artikolu 125(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). | **3.A.(vi)** | **1.18, 1.20, 2.4, 3.32, 3.33, 3.34-3.40, 3.56** |
| **2.2. Organizzazzjoni u proċeduri tal-awtorità tal-ġestjoni** | | |
| 2.2.1. Organigramma u speċifikazzjonijiet tal-funzjonijiet tal-unitajiet (inkluż il-pjan għall-allokazzjoni tar-riżorsi umani xierqa bil-ħiliet neċessarji). Din l-informazzjoni tkopri wkoll il-korpi intermedji li jkunu ġew iddelegati b'xi funzjonijiet. | **1.(i), 1.(ii), 1.(iv)** | **1.1, 1.3, 1.4, 1.2, 1.5, 1.6, 1.7, 1.9, 1.12, 1.13, 1.14, 1.15,** |
| 2.2.2. Qafas li jiżgura li eżerċizzju xieraq ta' ġestjoni tar-riskju jsir kull meta jkun meħtieġ, u b'mod partikolari f'każ ta' bidliet kbar fl-attivitajiet (=sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll). | **2** | **2.0-2.4** |
| 2.2.3. Deskrizzjoni tal-proċeduri li ġejjin (li għandha tingħata bil- | **3.A** | **3.1** |

[14] Ara l-Artikolu 123(§ 1 u §3) CPR.

| Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR) | Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR) | L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida |
|---|---|---|
| miktub lill-persunal tal-awtorità maniġerjali u tal-korpi intermedji; data u referenza): | | |
| 2.2.3.1. Proċeduri biex tiġi appoġġata l-ħidma tal-kumitat ta' monitoraġġ. | **4.A, 4.B** | **3.10, 3.24, 4.0, 4.2, 4.3, 4.4** |
| 2.2.3.2. Proċeduri għal sistema li tiġbor, tirreġistra u taħżen f'forma kompjuterizzata dejta dwar kull operazzjoni neċessarja għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifikazzjoni u l-awditjar, inkluża, fejn ikun applikabbli, dejta dwar parteċipanti individwali u analiżi statistika tad-dejta dwar l-indikaturi skont is-sess fejn ikun meħtieġ. | **3.A.(iv)** | **3.23-3.30** |
| 2.2.3.3 Proċeduri għas-sorveljanza tal-funzjonijiet iddelegati b'mod formali mill-awtorità ta' ġestjoni skont l-Artikolu 123(6) u (7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **1.(ii)** | **1.13** |
| 2.2.3.4. Proċeduri għall-valutazzjoni, l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet u għall-iżgurar tal-konformità tagħhom, matul il-perjodu ta' implimentazzjoni kollu kemm hu, mar-regoli applikabbli (l-Artikolu 125(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), inklużi struzzjonijiet u gwida li jiżguraw il-kontribut tal-operazzjonijiet għall-kisba tal-għanijiet u r-riżultati speċifiċi tal-prijoritajiet rilevanti skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 125(3)(a)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u proċeduri li jiżguraw li l-operazzjonijiet ma jintgħażlux meta jkunu diġà ġew kompluti fiżikament jew implimentati b'mod sħiħ qabel l-applikazzjoni għall-finanzjament mill-benefiċjarju (inklużi l-proċeduri użati mill-korpi intermedji fejn il-valutazzjoni, l-għażla u l-approvazzjoni tal-operazzjonijiet ġiet iddelegata). | **3.A.(i)** | **3.4-3.21** |
| 2.2.3.5. Proċeduri li jiżguraw li l-benefiċjarju jingħata dokument li jistipula l-kundizzjonijiet tal-appoġġ għal kull operazzjoni, inklużi proċeduri li jiżguraw li l-benefiċjarji jżommu jew sistema ta' kontabbiltà separata jew kodiċi ta' kontabbiltà adegwat għat-tranżazzjonijiet kollha relatati ma' operazzjoni. | **3.A.(i), 3.A.(ix)** | **3.6, 3.62-3.64** |
| 2.2.3.6. Proċeduri għall-verifiki ta' operazzjonijiet (b'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 125 minn (4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), inkluż sabiex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet mal-politiki tal-Unjoni (bħal dawk relatati ma' sħubija u governanza f'diversi livelli, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà għal persuni bi bżonnijiet speċjali, l-iżvilupp sostenibbli, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna | **1.(ii), 3.A.(i), 3.A.(ii)** | **3.4, 3.12-3.21** |

| **Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR)** | **Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR)** | **L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida** |
|---|---|---|
| mill-Istat u r-regoli ambjentali), u l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet jew korpi li jwettqu tali verifiki. Id-deskrizzjoni tkopri l-verifiki tal-ġestjoni amministrattiva fir-rigward ta' kull applikazzjoni għal rimborż minn benefiċjarji u l-verifiki ta' ġestjoni fil-post tal-operazzjonijiet, li jistgħu jitwettqu fuq bażi ta' kampjuni. Fejn il-verifiki tal-ġestjoni ġew iddelegati lil korpi intermedji, id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-proċeduri applikati mill-korpi intermedji għal dawn il-verifiki u l-proċeduri applikati mill-awtorità tal-ġestjoni sabiex tissorvelja l-effettività tal-funzjonijiet iddelegati lill-korpi intermedji. Il-frekwenza u l-kopertura jkunu proporzjonati għall-ammont ta' appoġġ pubbliku f'operazzjoni u għal-livell ta' riskju identifikat minn dawn il-verifiki u awditi mill-awtorità tal-awditu għas-sistema tal-ġestjoni u ta' kontroll kollha kemm hi. | | |
| 2.2.3.7. Deskrizzjoni tal-proċeduri li permezz tagħhom jiġu riċevuti minn benefiċjarji, ivverifikati, u vvalidati l-applikazzjonijiet għar-rimborż, u li permezz tagħhom jiġu awtorizzati, eżegwiti u ġġustifikati l-ħlasijiet lil benefiċjarji, b'konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 mill-2016 'il quddiem, (inklużi l-proċeduri użati mill-korpi intermedji fejn l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rimborż ikun ġie ddelegat), bil-ħsieb li tiġi rrispettata l-iskadenza ta' 90 ġurnata għall-ħlasijiet lil benefiċjarji skont l-Artikolu 132 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **3.A.(iii),** | **3.12, 3.22** |
| 2.2.3.8. L-identifikazzjoni tal-awtoritajiet jew korpi li jwettqu kull pass fl-ipproċessar tal-applikazzjoni għar-rimborż, inkluża l-flowchart li tindika l-korpi kollha involuti. | **1.(i), 3.A.(vii)** | **3.22** |
| 2.2.3.9. Deskrizzjoni ta' kif l-informazzjoni tintbagħat lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni mill-awtorità tal-ġestjoni, inkluża informazzjoni dwar nuqqasijiet u / jew irregolaritajiet (inkluż frodi suspettat jew stabbilit) skoperti u s-segwitu tagħhom fil-kuntest ta' verifiki tal-ġestjoni, awditi u kontrolli mill-Unjoni jew mill-korpi nazzjonali. | **1.(iii), 3.A.(viii)** | **3.22** |
| 2.2.3.10. Deskrizzjoni ta' kif l-informazzjoni tintbagħat lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni mill-awtorità tal-ġestjoni, inkluża informazzjoni dwar nuqqasijiet u / jew irregolaritajiet (inkluż frodi suspettat jew stabbilit) skoperti u s-segwitu tagħhom fil-kuntest ta' verifiki tal-ġestjoni, awditi u kontrolli mill-Unjoni jew mill-korpi nazzjonali. | **3.A.(ii),** | **3.21, 3.39, 3.49** |
| 2.2.3.11. Referenza għar-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà stabbiliti mill-Istat Membru u applikabbli għall-programm | **3.A.(ii), 3.A.(ix)** | **3.62, 3.63** |

| Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR) | Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR) | L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida |
|---|---|---|
| operattiv. | | |
| 2.2.3.12. Proċeduri sabiex jitfasslu u jiġu sottomessi lill-Kummissjoni rapporti annwali u finali dwar l-implimentazzjoni (l-Artikolu 125(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), inklużi l-proċeduri għall-ġbir u r-rapportar ta' dejta kredibbli dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni (l-Artikolu 125(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). | **4.A.(ii)** | **4.4, 4.5** |
| 2.2.3.13. Proċeduri għat-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni (l-Artikolu 125(4)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). | **3.A.(viii)** | **3.47-3.50** |
| 2.2.3.14. Proċeduri għat-tfassil ta' sommarju annwali tar-rapporti ta' verifika finali u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-livell tal-iżbalji u d-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, kif ukoll tal-azzjoni korrettiva meħuda jew ippjanata (l-Artikolu 125(4)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). | **3.A.(viii)** | **3.47-3.50** |
| 2.2.3.15. Proċeduri li jikkonċernaw il-komunikazzjoni lill-persunal dwar il-proċeduri ta' hawn fuq, kif ukoll indikazzjoni tat-taħriġ organizzat / previst u kull gwida maħruġa (dejta u referenza). | **3.A, 3.B** | **3.1, 3.66** |
| 2.2.3.16 Deskrizzjoni, fejn applikabbli, tal-proċeduri tal-awtorità ta' ġestjoni fir-rigward tal-ambitu, ir-regoli u l-proċeduri li jirrigwardaw l-arranġamenti effettivi stabbiliti mill-Istat Membru[15] għall-investigazzjoni ta' lmenti li jirrigwardaw lill-FSIE, fil-kuntest tal-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **4.A.** | **4.1** |
| **2.3. Ir-rekord ta' verifika** | | |
| 2.3.1. Proċeduri li jiżguraw sekwenza ta' awditjar u sistema ta' arkivjar adegwati, inkluż fir-rigward tas-sigurtà tad-dejta, waqt li jitqies l-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, skont ir-regoli nazzjonali dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' dokumenti (l-Artikolu 125(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014). | **3.A.(vi), 3.A.(vii)** | **3.26, 3.41-3.46** |
| 2.3.2. Struzzjonijiet mogħtija sabiex dokumenti ta' appoġġ jinżammu disponibbli mill-benefiċjarji / korpi intermedji / | **3.A.(vii)** | **3.43** |

[15] Referenza għad-dokument jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn dawn l-arranġamenti effettivi ġew stabbiliti mill-Istat Membru.

| **Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR)** | **Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR)** | **L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida** |
|---|---|---|
| awtorità tal-ġestjoni (data u referenza): | | |
| 2.3.2.1. Indikazzjoni tal-perjodu li matulu d-dokumenti għandhom jinżammu. | **3.A.(vii)** | **3.43** |
| 2.3.2.2. Format li fih iridu jinżammu d-dokumenti. | **3.A.(vii)** | **3.43** |
| **2.4. Irregolaritajiet u rkuprar** | **1.(iii)** | |
| 2.4.1. Deskrizzjoni tal-proċedura (li għandha tingħata bil-miktub lill-persunal tal-awtorità maniġerjali u tal-korpi intermedji: data u referenza) dwar ir-rapportar u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet (inkluża frodi) u s-segwitu tagħhom u r-reġistrazzjoni tal-ammonti rtirati jew irkuprati, l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, ammonti irrekuperabbli u ammonti relatati ma' operazzjonijiet sospiżi minn proċediment ġudizzjarju jew minn appell amministrattiv b'effetti sospensivi. | **1.(iii)** | **1.18-1.21** |
| 2.4.2. Deskrizzjoni tal-proċedura (inkluża flowchart li turi l-linji ta' rapportar) għall-konformità mal-obbligu li l-irregolaritajiet jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 122(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **1.(iii)** | **1.18** |
| **3. AWTORITA' TA' ĊERTIFIKAZZJONI** | | |
| **3.1. Awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-funzjonijiet ewlenin tagħha** | | |
| 3.1.1 L-istatus tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni (korp pubbliku nazzjonali, reġjonali jew lokali) u l-korp li tagħmel parti minnu. | **-** | **0.2** |
| 3.1.2. Speċifikazzjoni tal-funzjonijiet imwettqa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni. Fejn l-awtorità maniġerjali twettaq ukoll b'mod addizzjonali l-funzjonijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, deskrizzjoni ta' kif inhi żgurata s-separazzjoni tal-funzjonijiet (ara 2.1.2). | **1.(i)** | **1.1, 1.2** |
| 3.1.3. Funzjonijiet iddelegati formalment mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, identifikazzjoni tal-korpi intermedji u l-forma ta' delega skont l-Artikolu 123(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. Referenza għad-dokumenti rilevanti (atti legali b'awtorizzazzjonijiet, ftehimiet). Deskrizzjoni tal-proċeduri użati mill-korpi intermedji sabiex iwettqu kompiti ddelegati, u tal-proċeduri tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni sabiex tissorvelja l-effikaċja tal-kompiti ddelegati lill-korpi intermedji. | **1.((ii)** | **1.2, 1.9-1.17** |
| **3.2. Organizzazzjoni tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni** | | |

| **Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR)** | **Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR)** | **L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida** |
|---|---|---|
| 3.2.1. Organigramma u speċifikazzjonijiet tal-funzjonijiet tal-unitajiet (inkluż il-pjan għall-allokazzjoni tar-riżorsi umani xierqa bil-ħiliet neċessarji). Din l-informazzjoni tkopri wkoll il-korpi intermedji li jkunu ġew iddelegati b'xi kompiti). | **1.(i), 1.(ii), 1.(iv)** | **1.1, 1.2, 1.24-1.31** |
| 3.2.2. Deskrizzjoni tal-proċeduri li għandhom jingħataw bil-miktub lill-persunal tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni u l-korpi intermedji (data u referenza): | **3.B** | **3.66-3.68** |
| 3.2.2.1. Proċeduri għat-tfassil u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas:<br><br>o Deskrizzjoni tal-arranġamenti eżistenti sabiex l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tista' taċċessa kull informazzjoni dwar l-operazzjonijiet, kif meħtieġ għall-fini tat-tfassil u s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal ħlas, inklużi r-riżultati ta' verifiki tal-ġestjoni (b'konformità mal-Artikolu 125 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u l-verifiki rilevanti kollha.<br><br>– Deskrizzjoni tal-proċedura li biha l-applikazzjonijiet għal ħlas jitfasslu u jiġu sottomessi lill-Kummissjoni, inkluża l-proċedura li tiżgura li tintbagħat l-applikazzjoni finali għall-ħlas *interim* sal-31 ta' Lulju wara tmiem is-sena ta' kontabbiltà preċedenti. | **3.B.(iv)** | **3.21, 3.69, 3.70** |
| 3.2.2.2. Deskrizzjoni tas-sistema ta' kontabilità użata bħala bażi għaċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa u l-kontijiet lill-Kummissjoni (l-Artikolu 126(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013):<br>– arranġamenti biex id-dejta aggregata tintbagħat lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni f'każ ta' sistema deċentralizzata,<br><br>– ir-rabta bejn is-sistema ta' kontabbiltà u s-sistema ta' informazzjoni deskritta fil-paragrafu 4.1,<br><br>– l-identifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-Fond Strutturali u ta' Investiment Ewropew f'każ ta' sistema komuni ma' Fondi oħrajn. | **3.B.(iii)** | **3.71, 3.72, 3.73, 3.76, 3.77** |
| 3.2.2.3. Deskrizzjoni tal-proċeduri eżistenti għat-tfassil tal-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE, | **3.B.(ii)** | **3.75-3.80** |

| **Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR)** | **Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR)** | **L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida** |
|---|---|---|
| Euratom) Nru 966/2012 (l-Artikolu 126(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). Arranġamenti għaċ-ċertifikazzjoni tal-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet u li n-nefqa mniżżla fil-kontijiet hija konformi mal-liġi applikabbli (l-Artikolu 126(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013) waqt li jitqiesu r-riżultati tal-verifiki u l-awditi kollha. | | |
| 3.2.2.4 Deskrizzjoni, fejn applikabbli, tal-proċeduri tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni fir-rigward tal-ambitu, ir-regoli u l-proċeduri li jirrigwardaw l-arranġamenti effettivi stabbiliti mill-Istat Membru[16] għall-investigazzjoni ta' lmenti li jirrigwardaw lill-FSIE, fil-kuntest tal-Artikolu 74(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **4.B.** | **4.8** |
| **3.3. Rkupri** | | |
| 3.3.1. Deskrizzjoni tas-sistema li tiżgura l-irkupru fil-pront tal-assistenza pubblika, inkluża l-assistenza tal-Unjoni. | **3.B.(iii)** | **3.81** |
| 3.3.2 Proċeduri li jiżguraw sekwenza ta' awditjar adegwata biż-żamma ta' reġistri tal-kontabbiltà f'forma kompjuterizzata, inklużi l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, ammonti rtirati minn applikazzjoni għal ħlas, ammonti irrekuperabbli u ammonti relatati ma' operazzjonijiet sospiżi minn proċedura ġuridika jew minn appell amministrattiv li għandhom effett ta' sospensjoni, għal kull operazzjoni, inklużi l-irkupri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 dwar id-durabilità tal-operazzjonijiet. | **3.B.(iii)** | **3.82** |
| 3.3.3. Arranġamenti għat-tnaqqis ta' ammonti rkuprati jew ammonti li għandhom jiġu rtirati min-nefqa li trid tiġi ddikjarata. | **3.B.(iii)** | **3.84, 3.88** |
| **4. SISTEMA TA' INFORMAZZJONI** | **-** | |
| **4.1. Deskrizzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni inkluża flowchart (sistema ta' netwerk ċentrali jew komuni jew sistema deċentralizzata b'rabtiet bejn is-sistemi) għal:** | | |
| 4.1.1. Il-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħżin, f'forma kompjuterizzata, ta' dejta dwar kull operazzjoni, inkluża fejn xieraq dejta dwar parteċipanti individwali u analiżi tad-dejta dwar l-indikaturi | **3.A.(iv),** | **3.24, 3.25** |

[16] Referenza għad-dokument jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn dawn l-arranġamenti effettivi ġew stabbiliti mill-Istat Membru.

| Deskrizzjoni tal-mudell (Anness III CIR) | Kriterji għall-ħatra (Anness XIII CPR) | L-aktar mistoqsijiet rilevanti fil-lista ta' kontroll fl-Anness 3 għal din il-gwida |
|---|---|---|
| skont is-sess fejn ikun meħtieġ, neċessarja għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-verifikazzjoni u l-awditjar, kif rikjest mill-Artikolu 125(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u mill-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 480/2014. | | |
| 4.1.2. L-iżgurar li d-dejta msemmija fil-punt preċedenti tinġabar, tiddaħħal u tinħażen fis-sistema, u li d-dejta dwar l-indikaturi tiġi analizzata statistikament skont is-sess fejn huwa rikjest mill-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 1304/2013, kif rikjest mill-Artikolu 125(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **3.A.(iv),** | **3.24, 3.25** |
| 4.1.3. L-iżgurar li hemm sistema li tirreġistra u taħżen, f'forma kompjuterizzata, ir-reġistri tal-kontabbiltà ta' kull operazzjoni, u li tiflaħ id-dejta kollha meħtieġa sabiex jitfasslu applikazzjonijiet għal ħlas u kontijiet, inklużi reġistri bl-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati u l-ammonti rtirati wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni sħiħa jew parzjali għal operazzjoni jew programm operattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 126(d) u 137(b) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **3.B.(ii), 3.B.(iii)** | **1.22, 3.46, 3.75-3.79, 3.81-3.85** |
| 4.1.4. Iż-żamma ta' reġistri tal-kontabbiltà f'forma kompjuterizzata tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni u l-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti mħallsa lill-benefiċjarji, kif stabbilit fl-Artikolu 126(g) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **3.B.(ii), 3.B.(iii)** | **3.75, 3.82** |
| 4.1.5. Iż-żamma ta' kont tal-ammonti rekuperabbli u tal-ammonti rtirati wara l-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni sħiħa jew parzjali għal operazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 126(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013. | **3.B.(iii)** | **3.83, 3.84** |
| 4.1.6. Iż-żamma ta' rekords tal-ammonti relatati ma' operazzjonijiet sospiżi minn proċedura ġuridika jew minn appell amministrattiv li għandhom effetti ta' sospensjoni. | **3.B(iii)** | **3.82** |
| 4.1.7. Indikazzjoni dwar jekk is-sistemi humiex operattivi u jekk jistgħux jirreġistraw b'mod ta' min jafdahom id-dejta msemmija hawn fuq. | **3.A.(iv)** | **3.30** |
| **4.2. Deskrizzjoni tal-proċeduri li jivverifikaw li s-sigurtà tas-sistemi tal-IT hija żgurata.** | **3.A.(iv)** | **3.26** |
| **4.3 Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali rigward l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.** | **3.A.(iii), 3.A(iv), 3.B.(iii)** | **3.22** |